MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 22/2022 LM

**Antoinette Bianchi (K.I. 21059M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Air Malta plc (C 2685)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Air Malta plc (C 2685)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fil-11 ta' Marzu, 2022 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'] fil-Kwistjoni tax-Xogħol Każ Nru. 3710/JG

bejnha u r-rikorrenti **Antoinette Bianchi** [minn issa 'l-appellata'], fejn it-Tribunal laqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u ddeċieda li din tkeċċiet inġustament u mhux skont il-liġi mill-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata, u għalhekk iddeċieda li bħala kumpens din għandha tingħata l-impjieg lura mal-kumpannija Air Malta plc, kif ukoll li din għandha tingħata x-xogħol li jirrispetta l-kompetenza, il-grad u d-dinjità tagħha.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fejn spjegat li hija ilha fl-impjieg mas-soċjetà intimata mill-1987, filwaqt li ilha taħdem bħala *cabin crew* mill-1991. Spjegat li fl-2014 hija kellha inċident kosmetiku, u minħabba f'hekk bdiet issofri minn kundizzjoni li affettwatilha d-dehra ta' xagħarha. Spjegat li l-*policies* tal-kumpannija jistipulaw li meta jiġri hekk, l-impjegata tiġi *grounded* u tiġi assenjata xogħol alternattiv li ma jinvolvix titjir fuq l-ajruplani. Ir-rikorrenti spjegat li hija ma ngħatat l-ebda xogħol alternattiv, u s-soċjetà intimata lanqas ma ppermettiet li hija tidħol ix-xogħol. Qalet ukoll li kien hemm żmien meta hija lanqas paga bażika ma bdiet tirċievi. Konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti sofriet danni konsiderevoli konsistenti f'telf ta' introjtu u ħsara fiżika u psikoloġika. Ir-rikorrenti spjegat li bejn l-2017 u l-2018, is-soċjetà intimata ħallsitha somma flus sabiex tipprova tikkumpensaha għall-pagi mhux imħallsa, u fi Frar tal-2018 ir-rikorrenti interpellat lis-soċjetà intimata permezz ta' ittra uffiċjali, fejn talbet li tingħata raġuni għalfejn hija ma kinitx qegħda titħalla tidħol lura x-xogħol, sabiex titħallas dak dovut lilha skont il-liġi, kif ukoll sabiex

is-soċjetà intimata tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti spjegat li s-soċjetà intimata wriet ix-xewqa li tinstab soluzzjoni bonarja, iżda kien hemm element ta’ prokrastinazzjoni, sakemm is-soċjetà intimata fetħet skema ta’ irtirar kmieni għall-impjegati tagħha bil-kundizzjoni li min jagħżel li jaċċetta din l-iskema ta’ irtirar, jirrinunzja għal kull pendenza li seta’ kellu fil-konfront tal-kumpannija. Ir-rikorrenti spjegat li peress li l-iskema ta’ irtirar volontarju kienet waslet biex tagħlaq, u minkejja l-wegħdi li saru mis-soċjetà intimata, hija baqgħet ma rċeviet l-ebda proposta alternattiva, imma ma riditx li l-jeddijiet tagħha jiġu ppreġudikati, u għalhekk fit-28 ta’ Marzu, 2018 ippreżentat it-talba tagħha taħt l-iskema, filwaqt li rriservat il-pożizzjoni tagħha. Ir-rikorrenti spjegat li fit-18 ta’ April, 2018, hija rċeviet telefonata mingħand impjegat tal-kumpannija li infurmaha li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat, iżda sallum hija għadha ma rċeviet l-ebda komunikazzjoni formali dwar dan. Qalet li għalhekk fid-19 ta’ April, 2018 hija ppreżentat ittra uffiċjali oħra kontra s-soċjetà intimata. Qalet li s-soċjetà intimata wieġbet għal dan permezz ta’ ittra uffiċjali tal-4 ta’ Mejju, 2018, fejn din tat l-impressjoni li l-impjieg tar-rikorrenti ma kienx itterminat. Ir-rikorrenti qalet li minkejja dawn l-interpellazzjonijiet kollha, hija għadha sallum ma tħallsitx dak dovut lilha mill-kumpannija. Ir-rikorrenti ppreżentat ukoll kawża quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (517/2018 AF), u żiedet tgħid li wara li fetħet din il-kawża, hija rċeviet komunikazzjoni mingħand Jobsplus fejn ġiet infurmata li l-impjieg tagħha ġie fi tmiemu fil-15 ta’ Ottubru, 2018, allegatament għaliex r-rikorrenti kienet irriżenjat mill-impjieg tagħha. Ir-rikorrenti qalet li hija ma rriżenjatx mill-impjieg tagħha, u dejjem żammet ferma

l-pożizzjoni tagħha li hija riedet li titħalla terġa' lura għax-xogħol. Qalet li jekk l-impjieg tagħha ġie mitmum, dan ma sarx għal raġunijiet ġusti fil-liġi, u fil-fatt hija fetħet proċeduri quddiem l-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol li ddiferiet il-każ quddiemha *sine die* sakemm jiġu konklużi il-proċeduri quddiem t-Tribunal, u l-kawża li hija fetħet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal Industrijali (i) jiddikjara li hija tkeċċiet mill-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata għal raġuni li mhijiex tajba u suffiċjenti fil-liġi, (ii) jiddikjara li hija għandha tingħata lura l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata u titħallas is-salarji u l-*bonuses* dovuti lilha skont il-liġi, u (iii) f'każ li din it-talba ma tkunx tista' tintlaqa' għal raġuni valida skont il-liġi, jiffissa u jillikwida kumpens xieraq u ġust fil-liġi pagabbli mis-soċjetà intimata lir-rikorrenti, bil-kundanna tal-intimata għall-ħlas tal-istess.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li t-Tribunal għandu nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew kompetenza biex jiddeċiedi dwar il-mertu ta' dan il-każ. Qalet li r-rikorrenti ma talbitx ir-revoka jew l-annullament tad-deċiżjoni tagħha, u li hemm karenza ta' interess ġuridiku da parti tar-rikorrenti biex tibda u tkompli b'din l-azzjoni li s-soċjetà intimata tiddeskrivi bħala 'malizzjuża'. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti huma inkompatibbli u kontradittorji, għaliex ir-rikorrenti volontarjament talbet li tipparteċipa fi skema ta' terminu ta' impjieg volontarju (VERS), liema applikazzjoni baqgħet qatt ma ġiet irtirata mir-rikorrenti, sakemm din ġiet aċċettata mis-soċjetà intimata versu ħlas ta' mija u

tletin elf Euro (€130,000). Is-soċjetà intimata qalet li din l-azzjoni m'hija xejn għajr azzjoni malizzjuża u insensata da parti tar-rikorrenti, li qegħda tippretendi trattament privileġġat. Is-soċjetà intimata qalet li għal numru ta' snin, ir-rikorrenti naqset serjament u kapriċċożament mid-dmir tagħha li taħdem, filwaqt li l-kumpannija rreċiprokat b'mod ħanin meta kellha dritt timxi mod ieħor.

5. Fl-*affidavit* tagħha r-rikorrenti spjegat li hija bdiet taħdem bħala *clerk* mal-Air Malta fit-13 t'April, 1987, iżda xi żmien wara bdiet taħdem bħala *cabin crew.* Qalet li hija dejjem ħadmet b'mod diliġenti, tant hu hekk li tul is-snin irċeviet għadd ta' rikonoxximenti għas-servizz li kienet tagħti. Qalet ukoll li hija kompliet tavvanza fil-karriera tagħha, u l-ewwel laħqet *acting purser* u wara *acting flight* manager. Ir-rikorrenti spjegat li fl-2014 hija kellha inċident għand stilista tax-xagħar, fejn minħabba l-kimika li ntużat fuqha, hija sofriet ħsara fil-ġilda tar-ras u l-*alopecia.* Qalet li minħabba f'hekk, skont il-*policies* tal-kumpannija hija ma setgħetx taħdem fuq l-ajruplan, u għalhekk skont il-ftehim kollettiv hija kellha tiġi *grounded* u tingħata xogħol alternattiv. Ir-rikorrenti qalet li però hija baqgħet ma ngħatat l-ebda xogħol alternattiv, u lanqas ma tħalliet tagħmel ir-*recurrent training course* għal-liċenzja biex tkun tista' ttir, filwaqt li ntalbet tirritorna wkoll il-*pass* tal-*gate* tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili. Qalet li xi żmien wara twaqqfitilha wkoll il-paga għaliex kien spiċċalha s-*sick leave,* u minħabba f'din is-sitwazzjoni hija kellha wkoll problemi b'qalbha, tant hu hekk li għamlet xi żmien rikoverata l-isptar. Ir-rikorrenti qalet li hija dejjem għamlitha ċara li hija ma kinitx marida fis-sens li ma setgħetx taħdem, iżda minħabba d-dehra tagħha hija ma setgħetx taħdem bħala *cabin crew.* Qalet

ukoll li xi żmien wara, id-dehra ta' xagħarha reġgħet għal li kienet qabel l-inċident, għalkemm kien hemm min mill-kumpannija ssuġġerixxa li hija tiġi *boarded out* għaliex kien beda jibjadilha xagħarha. Ir-rikorrenti qalet li wara xi żmien mingħajr paga, hija għamlet perijodu ta' madwar tmien xhur tirċievi paga bażika, iżda baqa' ma nstabx *office work* alternattiv għaliha. Dak iż-żmien hija ġiet infurmata li kien hemm taqsimiet tal-kumpannija li kienu ser jingħalqu, bħas-sezzjoni tal-*cargo*, u għalhekk ma setax jiġi offrut lilha xogħol alternattiv hemmhekk, iżda xi żmien wara hija saret taf li ddaħħlu ħaddiema ġodda anki f'din it-taqsima. Ir-rikorrenti spjegat li dwar il-każ tagħha hija kkomunikat ma' diversi persuni, fosthom ma' rappreżentanti tal-*union* tal-*cabin crew,* u diversi persuni oħra. Sadanittant, il-kumpannija ħarġet skema ta' irtirar kmieni u skema ta' irtirar volontarju għall-ħaddiema tagħha, u hija saret taf li kienet intitolata għal din l-iskema. Qalet li hija qatt ma riedet titlaq minn mal-Air Malta, u kien għalhekk li hija istitwiet dawn il-proċeduri, imma peress li l-iskema kienet tagħlaq xi żmien wara, hija ma riditx li d-drittijiet tagħha jiġu ppreġudikati. Qalet li għalhekk meta mliet il-formula tal-irtirar, hija għamlitha ċara li kienet qegħda tapplika biss sabiex tikkawtela l-interessi tagħha. Qalet ukoll li din ma kinitx biss il-pożizzjoni tagħha, iżda anki tal-*union* tal-*cabin crew* li tat direttiva f'dan is-sens lill-membri tagħha. Ir-rikorrenti qalet li xi żmien wara hija rċeviet telefonata mingħand impjegat tal-kumpannija, fejn ġiet infurmata li l-impjieg tagħha ġie tterminat b'effett mis-17 t'April, 2018 u li l-paga tagħha kienet ser titwaqqaf. L-għada reġa' kkuntattjaha l-istess uffiċjal, u qalilha li ċ-ċekk tagħha kien intbagħat bil-posta. Qalet li hija qatt ma rċeviet dan iċ-ċekk bil-ħlas tal-intitolament taħtt l-iskema għal irtirar volontarju li jammonta għal €130,000. Ir-

rikorrenti qalet li fil-fatt ix-xogħol tagħha mas-soċjetà intimata ma ntemmx, u kien biss wara li dehret l-ewwel darba f'din il-kawża, li hija rċeviet mingħand Jobsplus li l-Air Malta kienet infurmathom li l-impjieg tagħha ġie fi tmiemu b'effett mill-15 ta' Ottubru, 2018 għaliex hija kienet irtirat mix-xogħol volontarjament. Ir-rikorrenti qalet li hija istitwiet il-proċeduri quddiem it-Tribunal għaliex it-tkeċċija tagħha mill-impjieg kienet inġusta u saret b'ritaljazzjoni għall-fatt li hija fetħet il-kawża kontra l-kumpannija. Ir-rikorrenti qalet li l-persekuzzjoni tagħha mill-kumpannija kienet ilha għaddejja snin, tant hu hekk li kien hemm żmien meta hi ntbagħtet għand psikologu u saru rapporti dwarha liċ-Chief Pilot il-Kaptan Robin Zammit u l-Kaptan Patrick Calleja. Ir-rikorrenti semmiet istanzi oħra li għaddiet minnhom fis-snin kemm kienet ilha ma tirrappurtax għax-xogħol, u qalet li hija istitwiet proċeduri legali sabiex tirċievi l-pagi li ma rċevietx tul is-snin, il-pagi li tilfet u li kienet tkun intitolata għalihom li kieku tħalliet taħdem, u d-danni għal dak kollu li għaddiet minnu.

6. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, ir-rikorrenti kkonfermat li hija ffirmat l-applikazzjoni għall-*voluntary early retirement scheme* fit-28 ta' Marzu, 2018, iżda din l-applikazzjoni kienet ikkwalifikata fis-sens li l-iskema kienet tippermetti li wieħed japplika, iżda li jitlob ukoll li jingħata impjieg alternattiv ma' xi entità governattiva. Ir-rikorrenti saħqet li mal-applikazzjoni għall-iskema tal-irtirar kien hemm ittra li tgħid li l-ħaddiema jistgħu jagħżlu li jibqgħu fix-xogħol li kellhom mas-soċjetà appellanta, u li kellhom kull dritt jagħmlu dan. Ix-xhud kompliet tgħid li minkejja li d-direttiva tal-*union* kienet tgħid li l-għażla kienet bejn impjieg alternattiv jew l-iskema ta' irtirar volontarju, iżda mhux li kienu japplikaw it-tnejn flimkien, hija ma ngħatatx xogħol alternattiv bħal ma

ngħata ħaddieħor. Ix-xhud qalet li l-unika raġuni għalfejn hija applikat taħt l-iskema kienet għaliex riedet li jkollha għażla, u li jekk l-impjieg li tiġi offruta mal-Gvern ma jkunx jinteressaha, hija tkun tista' tibqa' *flight manager.*

7. **James Genovese**, *Chief Human Resources* tas-soċjetà intimata, xehed li l-iskema li applikat taħtha r-rikorrenti kienet parti mill-ftehim kollettiv li kien għadu kif ġie ffirmat bejn l-*union* tal-*cabin crew* u l-kumpannija, u din l-iskema kienet maqsuma fi tnejn, *early retirement scheme* u *voluntary retirement scheme*, u l-informazzjoni dwar dawn l-iskemi ntbagħtet lill-ħaddiema kollha tal-kumpannija. Qal li permezz ta' din l-iskema, kienu ser jiġu aċċettati l-ewwel sittin ruħ li japplikaw għall-irtirar kmieni. Spjega li minħabba l-età tagħha, ir-rikorrenti ma kinitx tikkwalifika għall-*early retirement scheme,* iżda kienet intitolata għall-*voluntary retirement scheme,* u kien hemm diversi kategoriji ta' impjegati li kienu japplikaw għaliha, bir-riżultat li mal-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni tagħha, din kienet tikkwalifika għall-ħlas ta' €130,000 sabiex tirtira mill-impjieg. Ix-xhud spjega li din l-iskema kellha għadd ta' kundizzjonijiet, fosthom li persuna li tapplika taħt din l-iskema tkun qegħda tindika li qegħda taċċetta l-kundizzjonijiet stipulati fl-iskema, li r-*release date* minn mal-kumpannija tiġi determinata mill-kumpannija u mhux mill-individwu, u f'każ li persuna jerġa' jibdielha, hija tkun trid tikteb formalment lill-kumpannija u jrid ikun hemm aċċettazzjoni da parti tal-kumpannija li dik l-applikazzjoni titwaqqa'. Qal li safejn huwa infurmat, ir-rikorrenti qatt ma daħħlet xi talba sabiex twaqqa' l-applikazzjoni tagħha. Ix-xhud spjega li dak iż-żmien il-kumpannija offriet ukoll li min minflok il-VERS, drabi oħra VRS jew l-ERS, xtaq li jiġi rilokat mal-Gvern, bl-aħjar paga bejn l-2014 u l-2017, dan seta' jagħmel hekk ukoll. Qal ukoll li meta

persuna kienet tagħżel li tidħol taħdem mal-Gvern wara li tkun aċċettat xi waħda mill-iskemi ta' irtirar, din kien ikollha trodd il-flus li ngħatat lura. Ix-xhud qal li meta huwa assuma r-rwol ta' *Chief Human Resources* mas-soċjetà intimata, ir-rikorrenti kienet diġà bis-*sick leave* u għalhekk hija ma kinitx tirrapporta għax-xogħol. Qal li huwa kien iltaqa' mar-rikorrenti fl-uffiċċji tal-kumpannija, u meta sar jaf li ma kinitx qegħda titħallas paga, ddeċieda li bħala ġest umanitarju jara li din tibda titħallas salarju bażiku minkejja li ma kienx fadlilha intitolament ta' *sick leave.* Ix-xhud qal li dan il-ħlas baqa' jsir lir-rikorrenti għal madwar seba' jew tmien xhur. Ix-xhud qal li f'punt minnhom ir-rikorrenti bdiet tikkomunika ma' persuni ogħla minnu fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, u għalhekk hu ma baqax jikkomunika magħha. Qal li r-rikorrenti dejjem baqgħet tinsisti li hija xtaqet l-impjieg lura, iżda huwa sar jaf li minkejja li din ġiet offruta numru ta' pożizzjonijiet mal-kumpannija, hija qatt m'aċċettathom u baqgħet tinsisti li riedet xogħol bħala *cabin crew*. Ix-xhud qal li r-rikorrenti baqgħet ma ġabritx iċ-ċekk ta' €130,000, u bħall-applikazzjoni tagħha kien hemm 59 oħra fejn iċ-ċekk inġabar u l-ħaddiema kellhom l-impjieg tagħhom itterminat skont il-ftehim. Għad-domandi li sarulu mill-avukat difensur tar-rikorrenti, ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti kienet bagħtet ittra mal-applikazzjoni tagħha għall-irtirar volontarju, fejn qalet li minkejja li kienet qegħda tissottometti l-applikazzjoni tagħha, l-interess tagħha kien li tingħata impjieg, u li l-applikazzjoni għall-irtirar kienet qegħda tiġi sottomessa minnha biss sabiex hija tikkawtela l-pożizzjoni tagħha. Ix-xhud qal ukoll li d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tqieset li hija l-istess data li fiha ġiet aċċettata l-applikazzjoni tal-ħaddiema għall-iskema tal-irtirar volontarju. Meta mistoqsi

jekk jafx li minkejja li s-soċjetà intimata ddikjarat li l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat, mad-Dipartiment tat-Taxxi ġie dikjarat li din għadha titħallas salarju mill-kumpannija, ix-xhud wieġeb li huwa m'għandux din l-informazzjoni. Sussegwentement l-istess xhud qal li huwa kien għamel verifiki u kien sab li r-rikorrenti ġiet offruta impjieg fil-*cargo section* u bħala *receptionist.* Qal li din l-informazzjoni ngħatatlu bil-fomm, u li hu imkien ma sab xi dokument li jindika li r-rikorrenti ġiet offruta impjieg alternattiv fil-kumpannija. Ix-xhud qal li l-kumpannija ħasset li r-rikorrenti ma kellhiex tiġi aċċettata lura bħala *cabin crew.* Sussegwentement l-istess xhud ikkonferma li ċ-ċekk li nħareġ lir-rikorrenti ġie ddepożitat mal-uffiċċju tal-avukati tas-soċjetà intimata, u għad li dan baqa' ma nġabarx mir-rikorrenti, il-fondi għadhom disponibbli għaliha.

8. **Kenneth Aquilina**, *Occupational and Safety Head* fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà intimata, li jieħu ħsieb ukoll il-faċilitajiet u l-amministrazzjoni, xehed li fl-2014 huwa kien intalab jattendi għal-laqgħa għaliex ir-rikorrenti kien qiegħed ikollha rata għolja ta' *sick leave.* Ix-xhud qal li meta r-rikorrenti bdiet tonqos milli tattendi għax-xogħol b'mod ripetut, din bdiet tintalab iċ-ċertifikati mediċi. Qal ukoll li hija ntalbet tattendi quddiem diversi bordijiet mediċi, u kien hemm korrispondenza magħha. Qal li huwa kien offra lir-rikorrenti li tibda taħdem fl-uffiċċji tal-kumpannija ġew Skyparks, u din irrifjutat, u meta ġiet offruta impjieg fil-*cargo section* u fit-taqsima tal-*passenger handling,* din irrifjutat ukoll.

9. **Charlene Camilleri** xehdet li ilha taħdem mas-soċjetà intimata mill-2012, u fil-bidu kienet *Head of Cabin Crew* u tal-*In Flight Services,* filwaqt li fil-preżent

tokkupa r-rwol ta' *Head of Ancillary Revenue.* Qalet li hija tiftakar li darba kellha telefonata mingħand ir-rikorrenti, li kienet infurmatha li kellha problema b'xagħarha minħabba dak li ġara għand l-istilista tax-xagħar tagħha. Ix-xhud ikkonfermat li l-*cabin crew* għandhom manwal li jridu josservaw dwar il-mod kif iridu jżommu ruħhom minn xagħarhom saż-żarbun, u kien għalhekk li r-rikorrenti ħassitha skomda tirrapporta għax-xogħol. Ix-xhud qalet li mill-informazzjoni li tatha r-rikorrenti, kien jidher ċar li din kienet skomda tirrapporta għax-xogħol minħabba fid-dehra ta' xagħarha. Ix-xhud qalet li hija kienet infurmat lir-rikorrenti li f'każ li ma kinitx komda tmur ix-xogħol, hija kellha ċċempel *sick leave.*

10. **Evan Cutajar**, *Head of Cabin Crew and In Flight Service* xehed li meta huwa assuma dan ir-rwol mal-kumpannija, mill-ewwel kienet inġibditlu l-attenzjoni għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti. Qal li l-kumpannija dak iż-żmien nediet numru ta' skemi ta' irtirar, u huwa kien ingħata direzzjoni biex sakemm toħroġ l-iskema, lir-rikorrenti jingħatalha mqar salarju bażiku.

11. **Roberto Cristiano** xehed li hu kien *Chief Human Resources Officer* fl-Air Malta bejn l-2015 u l-2019, u qal li sa minn meta beda f'din il-kariga, kienet inġibditlu l-attenzjoni għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti, li dak iż-żmien kienet diġà mhijiex tmur ix-xogħol għal raġunijiet ta' saħħa. Qal li dak iż-żmien kien ġie deċiż li lir-rikorrenti tinħarġilha paga bażika, u sadanittant kienet ġiet offruta impjieg klerikali fil-*Head Office* tal-kumpannija. Żied jgħid li r-rikorrenti għal xi raġuni rrifjutat li tmur taħdem il-*Head Office,* u waħda mill-għażliet li huwa kellu quddiemu dak iż-żmien, kienet li jagħmillha offerta ta' xogħol alternattiv, u f'każ

li din tirrifjuta, jittieħdu passi dixxiplinarji kontriha. Qal li l-kumpannija kkonsidrat l-element uman ta' dan il-każ, minkejja li kien hemm sitwazzjonijiet oħra fejn persuni li rrifjutaw li jirrappurtaw għax-xogħol kellhom l-impjieg tagħhom itterminat. Qal li meta r-rikorrenti rrifjutat li tmur taħdem il-*Head Office,* saritilha offerta ta' impjieg fil-*cargo section* tal-kumpannija, u d-diskussjoni dwar ix-xogħol alternattiv li kellha tingħata kienet saret mal-*union* tagħha. Ix-xhud qal li meta ħareġ iċ-ċekk *ai termini* tal-iskema ta' irtirar volontarju, ir-rikorrenti rrifjutat li tmur għalih, u bdiet tinsisti li għandha terġa' tiddaħħal fl-impjieg tal-kumpannija, u f'dak il-punt ġie ċċarat li hija ma setgħetx terġa' lura mid-deċiżjoni li kienet ħadet, u f'każ li kien ser jerġa' jibdielha, l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat. Ix-xhud qal li kien hemm drabi meta r-rikorrenti ma kinitx tattendi għas-sessjonijiet quddiem il-Bord Mediku tal-kumpannija, u t-taħdidiet mar-rikorrenti kienu jieħdu ċertu ħin. Ix-xhud tkellem ukoll dwar sitwazzjonijiet fejn impjegat tal-kumpannija seta' kien għaddej minn problema psikoloġika, anki temporanja, u qal li f'dawk is-sitwazzjonijiet ma jkunx sikur għall-ħaddiema u għall-passiġġieri li persuna titħalla taħdem fuq titjira.

12. Is-soċjetà intimata ppreżentat għadd ta' dokumenti bħala parti mill-evidenza tagħha, fosthom kopji taż-żewġ *collective agreements,* wieħed viġenti bejn l-2008 u l-2013, u l-ieħor viġenti bejn l-2018 u l-2022. Ġie esebit ukoll l-inkartament tal-proċeduri li saru quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Bianchi Antoinette *vs.* Air Malta p.l.c. (C 2685) (517/2018 AF)**.

13. **Charles Borg Giuliano**, bdot mas-soċjetà intimata, xehed li huwa kien jaf lir-rikorrenti mix-xogħol, u li kien jaf li din kienet taħdem sew mhux biss mal-passiġġieri, imma kienet ta' spiss tidħol fil-*cock pit* u tassigura li l-membri tal-ekwipaġġ m'għandhom bżonn xejn waqt it-titjira.

14. **Karen Valletta**, li kienet *Administrative Secretary* tal-Union of Cabin Crew, xehdet li r-rikorrenti dejjem kienet tagħmel xogħolha sew, u meta din kienet bis-*sick leave,* saru rappreżentazzjonijiet f'isimha mal-kumpannija sabiex jinstabilha impjieg alternattiv, iżda li l-kumpannija baqgħet m'offriet l-ebda xogħol ieħor lir-rikorrenti. Qalet li meta hija ndagat dwar il-possibilità li r-rikorrenti tintbagħat taħdem fis-sezzjoni tal-*cargo,* hi ġiet infurmata li f'dik is-sezzjoni nżamm biss *skeleton staff,* għaliex dik it-taqsima kienet ser tiġi *outsourced.* Ix-xhud qalet li meta ġew imnedija l-iskemi tal-irtirar, l-għażla kienet li persuna jew tingħata impjieg alternattiv mal-Gvern, jew tibqa' fl-istess rwol li kellha mas-soċjetà appellanta, jew inkella tieħu s-somma u titlaq' mill-impjieg.

15. **Melvin Vassallo**, fix-xhieda tiegħu qal li r-rikorrenti kienet kollega tiegħu, u kien jaf li hija tagħmel ix-xogħol tagħha sew u hija ddedikata għax-xogħol. Ix-xhud qal li huwa kien jaf li għal xi żmien ir-rikorrenti ma setgħetx tirrapporta għax-xogħol minħabba f'kundizzjoni li nqalgħatilha, u dak iż-żmien kienu bdew taħdidiet mal-kumpannija bil-ħsieb li r-rikorrenti tingħata impjieg alternattiv. Qal li l-unika offerta li huwa jiftakar li saret, kienet fit-taqsima tal-*cargo* tal-kumpannija.

16. **Adrian Casha** impjegat ieħor mas-soċjetà intimata, qal li huwa kien ilu jaf lir-rikorrenti bħala persuna tal-affari tagħha u ħabrieka fuq xogħolha. Qal li minkejja li kien hemm żmien meta r-rikorrenti kienet għaddejja minn problemi personali, hija xorta waħda baqgħet tagħmel ix-xogħol tagħha sew. Qal li bħala *cabin crew instructor* kien hemm żmien meta huwa kien responsabbli mit-tiġdid taċ-ċertifikazzjoni tal-impjegati fl-għarfien tal-proċeduri ta' sigurtà u emerġenza. Qal li anki hawn il-livell tar-rikorrenti kien wieħed sodisfaċenti għajr għal darba waħda meta hija ntalbet tirrepeti l-*ABP Briefing* fil-jum ta' wara għaliex ma kinitx leħqet il-livell meħtieġ. Qal li anki waqt it-taħriġ teoretiku r-rikorrenti kienet tagħmel ħafna mistoqsijiet, u turi interess. Ix-xhud qal li r-rikorrenti ma kinitx aċċettata minn ċerti individwi fil-kumpannija, u sfortunatament hija spiċċat fil-mira ta' uħud mill-*instructors,* li minflok ippruvaw jgħallmuha, kien moħħhom kif ser jaqbduha f'xi nuqqas, filwaqt li kienu jagħmlu pressjoni sabiex hija ma tibqax taħdem bħala *cabin crew* u tingħata impjieg alternattiv. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-istess xhud qal li minkejja li kien hemm żmien meta r-rikorrenti dehret li kienet għaddejja minn problemi personali, dawn bl-ebda mod ma affettwawha fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qal li huwa kien wieħed mill-impjegati li daħal jaħdem mas-soċjetà intimata fl-1987 flimkien mar-rikorrenti, u għal diversi snin dan il-grupp ta' ħaddiema kien inqas ittollerat minn oħrajn. Saħaq li fejn kien ikun hemm xi nuqqasijiet, lir-rikorrenti "kienu litteralment iridu jaqtgħulha rasha", filwaqt li ma' ħaddiema oħra l-attitudni kienet tkun differenti. Qal ukoll li l-kollegi tax-xogħol kienu jitkellmu b'mod dispreġjattiv fil-konfront tar-rikorrenti, u hu kien iħoss li hemm preġudizzju kontriha.

17. Il-**Kaptan Denis Caruana**, fl-*affidavit* tiegħu qal li r-rikorrenti kienet tagħmel ix-xogħol tagħha b'diliġenza u b'attenzjoni, u huwa qatt ma kellu rapporti mill-*pursers* li r-rikorrenti kienet qegħda tonqos fix-xogħol tagħha, partikolarmet fejn tidħol is-sigurtà waqt it-titjira.

18. Il-**Kaptan Robin Zammit** xehed li huwa jaf lir-rikorrenti bħala *cabin crew.* Qal li huwa kien ukoll *Lead Safety Manager* mas-soċjetà appellanta, u din hija pożizzjoni li legalment kull airline irid ikollha. Qal li waħda mis-sistemi li kienet titħaddem, hija l-ASOR (*Air Safety and Occurrence Report*), li hija sistema ta' rappurtaġġ kunfidenzjali fir-rigward ta' xi nuqqasijiet li jistgħu jiġu osservati. Qal li kien hemm rapport dwar imġiba tar-rikorrenti mill-*purser* wara li dan innota lir-rikorrenti tiċċassa f'waqtiet tat-titjira, u huwa kien ħass il-ħtieġa li jirreferi lir-rikorrenti għal *psychological evaluation.* Ix-xhud spjega li f'sitwazzjonijiet bħal dawn huwa l-psikologu li jrid jiċċertifika li r-rikorrenti kinitx fi stat li setgħet ittir.

19. Il-**Kaptan Patrick Calleja**, li kien jaf lir-rikorrenti fuq ix-xogħol, qal li huwa personalment qatt ma rċieva rapporti dwar l-imġiba tar-rikorrenti.

20. **Louis Buhagiar**, *Senior Executive, Jobsplus,* xehed li d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti hija l-15 ta' Ottubru, 2018, u r-raġuni li ngħatat mis-soċjetà intimata hija li r-rikorrenti kienet ġiet offruta xi skema, u aċċettatha.

21. **Saviour Theuma**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, qal li r-rikorrenti qatt ma rċeviet benefiċċji soċjali, u fis-sena 2020 u 2021 hija

ngħatat benefiċċju supplimentari li ngħata fi żmien il-pandemija lil persuni li d-dħul tagħhom waqaf minħabba s-sitwazzjoni globali.

22. **Alan Gatt**, trikoloġista, spjega li huwa kien invista lir-rikorrenti fi klinika privata fejn huwa jara l-klijenti. Qal li r-rikorrenti kienet ingħatat xi terapija għaliex kienet tilfet ħafna xagħar, u wara li ngħatat il-kura, il-kundizzjoni ta' xagħarha nnormalizzat ruħha, u għalhekk hu ma baqax jaraha.

## Id-Deċiżjonijiet Appellata

23. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-11 ta' Marzu, 2022, it-Tribunal iddeċieda li r-rikorrenti kienet ġiet itterminata mix-xogħol inġustament u mhux skont il-liġi, u għalhekk iddeċieda li bħala kumpens din għandha tingħata l-impjieg lura mas-soċjetà intimata, kif ukoll li din għandha tingħata x-xogħol li jirrispetta l-kompetenza, il-grad u d-dinjità tagħha, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Fatti tal-Każ***
>
> *Is-Sa Antoinette Bianchi impjegat ruħha mal-kumpannija fit-13 ta' April, 1987 bħala skrivana imma mal-ewwel ħadmet bħala cabin crew. Għall-ħabta tal-2013 ir-rikorrenti bdiet tbati minn kundizzjoni li kellha effett fuq id-dehra ta' xagħarha. Minħabba f'hekk is-Sa Bianchi bdiet tfalli mix-xogħol. Hi tispjega li x-xogħol ta' cabin crew jitlob li l-impjegati jkunu* groomed *tajjeb, il-policy tal-Air Malta dwar dan hija ċara għalhekk ir-rikorrenti talbet biex tkun* grounded *sakemm dan l-episodju jgħaddi. Il-ftehim kollettiv jipprovdi għal sitwazzjonijiet bħal dawn fejn impjegati li għal xi raġuni bħal "*pregnancy*" ma jkunux jistgħu itiru, jiġu* grounded *u jingħataw xogħol alternattiv fl-uffiċċji tal-Air Malta.*
>
> *Is-Sa Bianchi tispjega li minkejja diversi attentati anki permezz ta' rappreżentazzjonijiet tal-Union tal-Cabin Crew kif ukoll ittri formali permezz tal-*

*avukat tagħha, il-kumpannija qatt ma offritilha xogħol alternattiv anzi hi tgħid li l-kumpannija pprekludietha milli tirritorna għax-xogħol. Iżda tkompli tgħid li kien hemm żmien meta ħallsuha l-paga bażika imma mhux għal perijodu kollu. Ir-rikorrenti tgħid, li minħabba dan l-aġir tal-kumpannija, hi sofriet danni konsiderevoli.*

*Fl-ewwel ta' Marzu, 2018 l-Air Malta ħarġet skema ta' irtirar volontarju minn mal-kumpannija (VRS) kif ukoll skema ta' irtirar kmieni (ERS). Is-Sa Bianchi kienet tikkwalifika għal VERS. Fit-28 ta' Marzu, 2018 ir-rikorrenti applikat għal din l-iskema. Fost il-klawsoli tal-iskema hemm li;*

> "Any payment made under this scheme is considered to be in full and final settlement of any claims that the employee may have against the company in relation to his/her employment with the company and termination of employment."

*Ma' dan, l-applikazzjoni tinkludi wkoll is-segwenti:*

> "I confirm that I have read and understood and accepted all the conditions contained therein."

*Min-naħa l-oħra, is-Sa Bianchi flimkien mal-applikazzjoni annessat ittra ffirmata mill-Avukat Dr Franco Galea ref. Dok. AB 4 li fost sensiela ta' talbiet jiddikjara s-segwenti:*

> "Inoltre ninformak li sabiex tikkawtela l-interessi tagħha, l-klijenta tiegħi ser iddaħħal xorta applikazzjoni għal VERS iżda xorta waħda qed tagħmilha ċara li b'hekk mhux qed taċċetta l-kundizzjoni marbuta mal-istess skema li tirrinunzja għal kwalsiasi pendenza li għandha mal-kumpannija."

*Fit-18 ta' April, 2018, ir-rikorrenti rċeviet telefonata minn impjegat tas-soċjetà konvenuta li qalilha li l-impjieg tagħha ġie terminat. Fid-19 ta' April, 2018 ir-rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali kontra s-soċjetà konvenuta ref. AB2 fejn fost affarijiet oħra s-Sa Bianchi talbet li titħalla tirritorna lura għax-xogħol.*

*Is-soċjetà konvenuta rrispondiet permezz ta' ittra fl-4 ta' Mejju, 2018 fejn infurmat li kemm-il darba l-applikazzjoni (VRS) tiġi aċċettata, il-kontinwazzjoni tal-impjieg ikun inkompatibbli man-natura tal-iskema. Żiedet tgħid ukoll li l-applikazzjoni kienet fil-proċess li tkun evalwata.*

*Sadanittant ir-rikorrenti ppreżentat kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru 517/2018 AF.*

*Fis-26 ta' Ottubru, 2018 is-Sa Bianchi irċeviet komunikazzjoni mingħand il-Jobs Plus li l-impjieg tagħha kien terminat nhar il-15 ta' Ottubru, 2018, allegatament għaliex ir-rikorrenti kienet irriżenjat mill-impjieg tagħha.*

*Is-soċjetà konvenuta tikkonferma li r-rikorrenti kienet qed tkun assenti mix-xogħol anke għal żmien twil għal raġunijiet ta' mard ref. KAX 1. Tkompli tistqarr li r-rikorrenti ma kinitx tibgħat iċ-ċertifikati mediċi lill-prinċipal tagħha u dan minkejja li nġibditilha l-attenzjoni għal dan diversi drabi. Is-soċjetà tgħid li l-aħħar titjira li għamlet is-Sa Bianchi kien fis-7 ta' April, 2015.*

*L-Air Malta ħatret bord mediku biex jara lir-rikorrenti u fil-11 ta' Frar, 2016 iddikjara illi s-Sa Bianchi mhix f'kundizzjoni tajba biex ittir minħabba l-kundizzjoni ta' xagħarha. Fis-7 ta' Lulju, 2016 kien hemm appuntament ieħor skedat imma s-Sa Bianchi kienet indisposta kif ċertifikat mit-tabib tagħha. Fit-28 ta' Lulju, 2016 il-Bord mediku informa lis-soċjetà esponenti li l-kundizzjoni tar-rikorrenti baqgħet ma marritx għall-aħjar minn Frar 2016 u li l-istess Bord kellu jerġa' jeżamina lir-rikorrenti fi żmien tliet xhur. Fil-laqgħa tat-28 ta' Lulju il-bord mediku esplora l-possibilità li s-Sa Bianchi tkun "*boarded out"*, suġġeriment li r-rikorrenti rrifjutat.*

*Is-soċjetà konvenuta tistqarr li kienu għaddew aktar minn 14-il xahar fejn is-Sa Bianchi kienet nieqsa minn fuq il-post tax-xogħol li minħabba f'hekk is-soċjetà ma baqgħetx toħorġilha paga, stante li l-assenza tar-rikorrenti ma kinitx qed tiġi korroborata bl-ebda mod.*

*Minkejja dan is-soċjetà tgħid li ttentat tiddiskuti l-pożizzjoni tar-rikorrenti, mar-rikorrenti nnifisha u kif ukoll mal-kumitat eżekuttiv tal-Union of Cabin Crew (UC) sabiex jinstab xogħol alternattiv lill-impjegata. Iżda s-soċjetà tgħid li r-rikorrenti bl-iktar mod ċar, baqgħet konsekuttivament, tirrifjuta kull opportunità ta' xogħol.*

*Fl-1 ta' Marzu, 2018, il-kumpannija ħarġet skemi ta' irtirar kmieni fosthom il-Voluntary Retirement Scheme li s-Sa Bianchi kienet tikkwalifika għaliha. Fid-dawl ta' dan il-kumpannija permezz taċ-Chief Human Resource Officer daħlet* f'"understanding" *mal-Union tal-Cabin Crew li l-kumpannija tħallas lis-Sa Bianchi il-paga xahar b'xahar sakemm toħroġ l-iskema u meta l-iskema tkun pubblikata, ir-rikorrenti tapplika għaliha. L-alternattiva għal dan kienet tkun terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti – ref seduta tat-18 ta' Settembru, 2020.*

*Il-kumpannija konvenuta tispjega li meta rċeviet l-ittra tad-19 ta' April, 2018 mingħand l-Avukat Galea f'isem is-Sa Bianchi, irrispondiet lura permezz ta' ittra uffiċjali fl-4 ta' Mejju, 2018 li fost affarijiet oħra għamlitha ċar li sa tkompli bl-*

*evalwazzjoni tal-applikazzjoni għal VERS tar-rikorrenti. Fid-dawl ta' dan, il-kumpannija infurmat lil Jobs Plus fit-28 ta' Ottubru, 2018 li mis-seħħ tal-15 ta' Ottubru, 2018 is-Sa Bianchi kienet irriżenjat mill-impjieg tagħha.*

***Konsiderazzjonijiet***

*It-Tribunal kellu quddiemu kwistjoni dwar jekk is-Sa Antoinette Bianchi fil-ħin li kienet qed tapplika għall-iskema tal-VRS kinitx qed tirrinunzja għall-impjieg tagħha u b'hekk tirriżenja minn mal-Air Malta, kemm-il darba s-soċjetà konvenuta tapprova l-applikazzjoni tagħha.*
*Biex it-Tribunal jasal għal deċiżjoni kellu jħares lejn diversi ċirkostanzi li seħħew qabel, waqt u wara li saret l-applikazzjoni.*

*<u>Rieda li taħdem u l-opportunità biex taħdem</u>*

*Is-soċjetà tgħid li r-rikorrenti kienet qed tapprofitta ruħha billi ma tikkoperax mal-kumpannija meta tkun ippreżentata b'opportunità ta' xogħol alternattiv u anki tipprokrastina d-deċiżjoni biex tibda taħdem, biex kif allegat il-kumpannija, is-Sa Bianchi tibqa' tieħu l-paga ta' xejn – ref sottomissjonijiet tas-soċjetà paragrafu 11, 17, 67 u 95.*

> "Altru li l-esponenti għamlet minn kollox sabiex tagħti opportunità lir-rikorrenti li terġa' tibda karriera mill-ġdid fi ħdan is-soċjetà esponenti, u dan minkejja li l-esponenti baqgħet tirrifjuta xogħol wara l-ieħor." Para. 17

*Ħarsa aktar mill-qrib wieħed isib li l-kumpannija tgħid li offriet tliet opportunitajiet ta' xogħol alternattiv lir-rikorrenti. L-ewwel wieħed kien xogħol klerikali fl-uffiċċju ċentrali tal-kumpannija li s-soċjetà konvenuta tgħid li s-Sa Bianchi rrifjutat għaliex ma riditx taħdem f'dan l-uffiċċju. Il-kumpannija tgħid li kien hemm opportunità oħra ta'* check in clerk *li r-rikorrenti rrifjutat u kien hemm il-possibilità ta' xogħol fil-cargo section imma li ma seħħx għaliex ix-xogħol ta' din is-section kien ser jiġi* outsourced *u allura skont iċ-Chief Human Resource Officer, din is-sezzjoni kienet qed tnaqqas u mhux iżżid in-nies.*

*Min-naħa l-oħra Kenneth Aquilina li jiġi l-assistent taċ-Chief Human Resource Officer jgħid li l-maniġer responsabbli mill-cargo section ma riedx iħalli lis-Sa Bianchi taħdem f'din is-sezzjoni. Kienet x'kienet ir-raġuni vera qajla wieħed jista' jqis din bħala offerta serja ta' xogħol.*

*Ma' dan it-Tribunal jinnota li minkejja li Kenneth Aquilina kien imqabbad miċ-Chief Human Resource Officer biex isib xogħol alternattiv lis-Sa Bianchi dan tal-aħħar qatt*

*ma jsemmi l-offerta tal-*head office *u ċ-*check in clerk *fix-xhieda tiegħu u anqas hemm referenza għalihom fil-file personali tar-rikorrenti. L-istess issostni r-rappreżentanta tal-Union tal-Cabin Crew s-Sa Karen Valletta; li apparti s-suġġeriment tagħha stess lill-maniġment biex jesploraw il-possibilità ta' xogħol fil-cargo section, tgħid li ma kien hemm l-ebda offerta oħra ta' xogħol alternattiv lir-rikorrenti.*

*Iċ-Chief Human Resource Officer jgħid li mhux dejjem kien jiddokumenta kollox biex jipproteġi lir-rikorrenti għaliex kif jgħid hu:*

> "kienet sitwazzjoni fejn ikolli nitterminalha l-impjieg tagħha. Jien ma ridtx nasal f'dik it-triq."

*Jgħid ukoll li kellu l-awtorità li jimponi fuq id-dipartimenti biex jieħdu impjegati ġodda – ref seduta tat-18 ta' Settembru, 2020. Però din l-awtorità qatt ma użaha u jgħid li hu dejjem għażel li jimxi b'kompassjoni u bil-paċenzja anki bl-ingwanti tal-ħarir mas-Sa Bianchi.*

*Quddiem dawn id-dikjarazzjonijiet, it-Tribunal jinnota li l-uffiċjal l-aktar anzjan għażel li jimxi b'kompassjoni li hija kommendabbli iżda din mhix bla limiti. Jekk għal mument naċċettaw li verament ġew offruti tliet opportunitajiet ta' xogħol li ġew rifjutati, il-kompassjoni taċ-Chief Human Resource Officer ma kienet qed twassal għal imkien ħlief li jpoġġi lis-Sa Bianchi f'sitwazzjoni aktar prekarja għall-impjieg tagħha għaliex ma jagħmilx sens li tkun impjegata u fl-istess ħin ma taħdimx. Jekk l-istrateġija kienet li l-kumpannija timxi b'kompassjoni bla limitu u ma tiħux passi dixxiplinarji kif il-kumpannija kellha kull dritt li tagħmel u fl-istess ħin, anqas ma tinsisti ma' xi wieħed mid-dipartimenti tal-Air Malta biex iħaddmu magħhom lir-rikorrenti, allura wieħed jistaqsi, b'liema mod il-kumpannija konvenuta kienet sa ssolvi din is-sitwazzjoni?*

*Jidher li kien hemm attentat mill-bord mediku fl-ewwel nofs tal-2016 biex is-Sa Bianchi tiġi "*boarded out*" – ref sottomissjonijiet tas-soċjetà paġna 3 li r-rikorrenti rrifjutat kategorikament. Dan l-istess ħsieb tal-kumpannija joħroġ ukoll mill-email ta' Kenneth Aquilina datata l-1 ta' Novembru, 2016.*

*Min-naħa l-oħra għandna l-verżjoni tar-rikorrenti li b'mod konsistenti kienet titlob lil diversi uffiċjali tal-kumpannija biex tingħata x-xogħol lura;*

- *Lil Charlene Bebbiano li meta ġiet grounded talbitha xogħol fl-uffiċċju sakemm jgħaddi l-episodju ta' xagħarha;*
- *Lil Evan Cutajar talbitu x-xogħol lura ta' cabin crew u sakemm tagħmel il-kors tingħata xogħol fl-uffiċċju;*

- *Lil James Genovese talbitu tagħmel il-kors biex tkun tista' terġa' ttir fuq l-ajruplan;*
- *Lil David Bonello meta rriaffermat li għadha trid il-job tagħha mal-Air Malta.*

*Għandna ukoll ix-xhieda ta' Karen Valletta rappreżentanta tal-Union tal-Cabin Crew li tgħid;*

> "U kull meeting li kien ikollna mal-kumpannija konna nistaqsu fuq updates jekk se jsibulhiex xogħol jew le, imma qatt ma tawna risposta." *Seduta 15 ta' Jannar, 2021*

*Fis-seduta tas-6 ta' Settembru, 2019 – ir-rikorrenti Antoinette Bianchi tixhed:*

> "Jiena xorta xogħol tiegħi rrid għax irrid nibqa' naħdem fl-ambjent ta' *airport."*

*B'mod aktar formali l-Avukat Franco Galea fl-ittra tiegħu tat-28th March, 2018 jikteb is-segwenti:*

> "Il-klijenta tiegħi terġa' titħalla tirritorna għax-xogħol mal-Air Malta u jekk il-kumpannija jidhrilha li hemm raġunijiet li għandhom jiġu dikjarati għalfejn il-klijenta tiegħi ma għandhiex tibqa' titla' fuq l-ajruplani, skont il-ftehim kollettiv tingħata xogħol alternattiv mal-kumpannija li jkun jirrispetta l-grad tal-klijenta tiegħi u d-dinjità tagħha."

*Fl-ittra uffiċjali tad-19 ta' April, 2018 l-istess avukat jikteb;*

> "tinterpellak sabiex immedjatament tħalli lill-mittenti tirritorna lura għax-xogħol."

*It-Tribunal jinnota li s-soċjetà konvenuta tagħmel argument li r-rikorrenti kienet kważi kapriċċjuża meta talbet ix-xogħol tagħha lura meta kienet taf li ma kinitx fi stat li tagħmel dan skont ir-regoli Ewropej – ref sottomissjonijiet tas-soċjetà para. 67. Però min-naħa l-oħra s-soċjetà donnha għalqet għajnejha għall-fatt li dan l-episodju ta' alopecia ma kienx wieħed permanenti anzi kien temporanju u fil-fatt għadda, il-kundizzjoni tax-xagħar irriżolviet ruħha u r-rikorrenti setgħet u riedet tiżbogħ xagħarha. Minkejja dan is-Sa Bianchi baqgħet ma ngħatatx xogħol alternattiv wisq anqas intweriet kompassjoni jew ingwanti tal-ħarir f'dan ir-rigward.*

*Il-kompassjoni hija virtù li meta pprattikata f'kuntest ta' post tax-xogħol turi livell ta' tmexxija ta' min jammira u jfaħħar. Però l-kompassjoni qatt ma għandha tintuża bħala sostitut għal deċiżjonijiet li filwaqt li huma korretti jafu jkunu xi ftit diffiċli. Meta jsir hekk, il-kompassjoni ma taġevola lil ħadd imma ssir sussidju għal ineffiċjenza u*

*postponiment tal-problemi u li għada pitgħada xorta tkun trid tiffaċċja forsi b'aktar kumplikazzjonijiet.*

*Għalhekk meta wieħed jevalwa n-nuqqas ta' evidenza ta' offerti ta' xogħol, nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' ħidma f'dan ir-rigward u jipparagunaha mal-evidenza ppreżentata mir-rikorrenti biex tirritorna għal xogħol produttiv, it-Tribunal jasal għal konklużjoni li s-Sa Bianchi kienet ġenwina meta kienet titlob xogħol alternattiv u għamlet ħilitha kollha biex dan iseħħ. Il-fatt li dan qatt ma seħħ ma jirrifletti xejn fuqha imma biss fuq il-kumpannija konvenuta li mill-bidu nett kellha r-responsabbilità li toffri xogħol alternattiv u li tara li l-impjegata in kwistjoni tissettilja fih b'mod produttiv u effiċjenti.*

*<u>L-applikazzjoni għal VRS</u>*

*Il-kumpannija konvenuta ħarġet bi skemi ta' irtirar kmieni mix-xogħol fl-1 ta' Marzu, 2018. Dawn l-iskemi kienu:*

> "as part of the Collective Agreement negotiations on Early Retirement Scheme (ERS) and a Voluntary Early Retirement Scheme (VERS) was negotiated with the Union of Cabin Crew to be offered to eligible employees as per the terms herein as set in the Agreement signed on the 19th May, 2017 and similar to the terms set out in the relevant Collective Agreement signed between the Company and Union of Cabin Crew."

*Dawn l-iskemi kellhom l-għan speċifiku biex l-impjegati jkollhom l-għażla u l-inċentiv biex jirtiraw kmieni mix-xogħol filwaqt li l-kumpannija tagħmel ir-ristrutturar neċessarju.*

*Iċ-ċirkolari VERS/ERS/CCU/2018 Dok. AB 14 tgħid biċ-ċar li min jibbenefika minn dawn l-iskemi ikun qed jirrinunzja għal kull talba oħra pendenti li benefiċjarju jista' jkollu kontra l-kumpannija. Għalhekk il-ħlas li jsir taħt l-iskemi jkun "*Full and Final Settlement". *L-applikazzjoni tgħid ukoll li min ikun applika għal xi waħda minn dawn l-iskemi jkun qara, fehem u aċċetta l-kundizzjonijiet kollha tal-iskema li jkun applika għaliha.*

*Il-kumpannija konvenuta tgħid li r-rikorrenti s-Sa Bianchi qatt ma rrevokat jew talbet li tiġi revokata l-applikazzjoni għal VERS. Fl-istess ħin il-kumpannija tgħid li r-rikorrenti riedet tieħu parir legali qabel tapplika biex kif kienet ikkwotata "forsi ma tkabbarx l-affarijiet" sottomissjonijiet tas-soċjetà para 18. Abbażi ta' dan il-kumpannija pproċessat l-applikazzjoni, ħarġet ċekk għal €130,000 u offrietu lir-rikorrenti li din tal-aħħar, irrifjutat u qatt ma ġabret.*

*Il-kumpannija tkompli tistqarr fl-ittra uffiċjali tal-4 ta' Mejju, 2018 li s-Sa Bianchi applikat minn jeddha u b'mod volontarju għall-iskema VERS. Fl-istess ħin il-kumpannija tgħid li riedet tieħu parir legali qabel tapplika biex kif kienet ikkwotata "forsi ma tkabbarx l-affarijiet" (sottomissjonijiet tas-soċjetà para. 18)*

*Il-kumpannija tkompli tistqarr fl-ittra uffiċjali tal-4 ta' Mejju, 2018 li s-Sa Bianchi applikat minn jeddha u b'mod volontarju għall-iskema VERS, u għaldaqstant jekk aċċetta mill-mittenti jfisser li mal-benefiċċju dovut ikun terminat l-impjieg minn mal-kumpannija. Għalhekk il-kumpannija kienet se tkompli tipproċessa l-applikazzjoni.*

*Min-naħa l-oħra s-Sa Bianchi applikat għal VERS fit-28 ta' Marzu, 2018 iżda magħha daħħlet ukoll ittra bl-istess data fejn hemm elenkati erba' kundizzjonijiet kif segwenti:*

1. *li r-rikorrenti tingħata kopja tal-file personali tagħha;*
2. *li r-rikorrenti titħallas dawk il-pagi li ma tħallsitx;*
3. *li r-rikorrenti titħalla tirritorna lura għax-xogħol;*
4. *li r-rikorrenti tingħata kumpens għat-tbatija li għaddiet minnha minħabba l-aġir tal-kumpannija.*

*L-Avukat Galea f'isem is-Sa Bianchi jistqarr fl-istess ittra li:*

> "Inoltre ninformak li sabiex tikkawtela l-interessi tagħha, il-klijenta tiegħi ser iddaħħal xorta waħda applikazzjoni għal VERS iżda xorta waħda qed tagħmilha ċara li b'hekk mhux qed taċċetta l-kundizzjoni marbuta mal-istess skema li tirrinunzja għal kwalsiasi pendenza li għandha mal-kumpannija."

*L-applikazzjoni għal VERS tas-Sa Bianchi hija azzjoni li tifforma parti minn saga sħiħa ta' ħafna snin fejn matulhom kien hemm attentat wara ieħor biex ir-rikorrenti tinnormalizza x-xogħol u l-impjieg tagħha mal-Air Malta. Għalhekk l-episodju tal-applikazzjoni m'għandux ikun interpretat f'iżolament minn dak kollu li sar fiż-żmien ta' qabel il-ħruġ tal-applikazzjonijiet għall-iskemi.*

*Jidher li għal diversi snin, il-maniġment tal-Air Malta kien għadu bejn ħaltejn kif ser isolvi l-problema fejn impjegata qegħda fuq il-kotba tal-kumpannija imma mhux qed tingħata xogħol biex taħdem kif is-soċjetà konvenuta kienet obbligata li tipprovdi. Fl-istess ħin is-Sa Bianchi kienet qed tagħmel pressjoni fuq il-kumpannija biex tingħata xogħol immedjatament.*

*Iċ-Chief Human Resources Officer is-Sur Roberto Cristiano fis-seduta tat-18 ta' Settembru, 2020 jgħid li:*

> "li kieku kelli nimxi bl-uffiċjalità f'dan il-każ lil Antoinette Bianchi kont niġi f'sitwazzjoni li nkeċċiha għaliex meta offrejnielha xogħol alternattiv, kieku dan ix-xogħol alternattiv offrejniehulha bil-miktub hi kienet tirrifjuta lura b'mod uffiċjali u allura kien ikolli sitwazzjoni fejn ikolli nitterminalha l-impjieg tagħha. Jien ma ridtx nasal f'dik it-triq."

*Jidher li s-Sur Roberto Cristiano effettivament kien f'pożizzjoni li joffri xogħol alternattiv u dan kien obbligu tal-kumpannija li tagħmlu u naqset li tagħmlu. Barra minn hekk, meta l-affarijiet isiru b'mod uffiċjali speċjalment fl-amministrazzjoni ta' natura pubblika, huwa sinjal ta' professjonalità. It-trasparenza u kontabilità huma importanti biex ikun hemm "*traceability*" tad-deċiżjonijiet, tal-azzjonijiet u tal-konsegwenzi li jirriżultaw mill-proċess.*

*F'dan il-każ iċ-Chief Human Resource Officer tas-soċjetà assuma li sa jkollu jittermina l-impjieg meta hu anqas għamel l-offerta ta' xogħol, anqas sema' r-reazzjoni tar-rikorrenti u anqas uża l-awtorità leġittima tiegħu ta' Chief Human Resource Officer biex jipprova jagħti ċans lil din l-inizjattiva tirnexxi. Minflok għażel li jadotta attitudni paternalistiku u jiddeċiedi, mingħajr konsultazzjoni mar-rikorrenti, it-triq li għandha tieħu s-Sa Bianchi, jiġifieri dik li tapplika għall-iskema u bħala konsegwenza taqta' r-relazzjoni ta' xogħol li kellha mal-kumpannija.*

*Is-Sur Roberto Cristiano fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Settembru, 2020 jgħid li:*

> "Fil-każ ta' Antoinette Bianchi kien hemm id-diskussjoni mal-Union and we encouraged the Union li tapplika. U Antoinette Bianchi kienet waħda mill-applikanti." *Seduta tat-18 ta' Settembru, 2020*

*Infatti s-soċjetà konvenuta fis-sottomissjonijiet para 48 tispjega kif l-uffiċjal tagħha Evan Cutajar kien iddiskuta maċ-Chief Human Resource Officer tal-Air Malta s-Sur Roberto Cristiano li kien wara laqgħa li kellu mal-Union of Cabin Crew (UCC) sabiex umanitarjament sakemm joħorġu s-somom (skemi ta' irtirar) is-soċjetà esponenti tikkonċedi li r-rikorrenti tingħata xi pagi b'mod umanitarju – seduta tat-18 ta' Settembru, 2020.*

*Fix-xhieda tiegħu s-Sur Cristiano jikkonferma li:*

> "Daħħalnielha l-paga. U naturalment komplejna bid-diskussjonijiet mal-Union u wasalna fi ftehim." *Seduta tat-18 ta' Settembru, 2020*

*Iċ-Chief Human Resource Officer ikompli jispjega:*

> "mela Antoinette Bianchi f'dan il-perijodu qed titħallas tas-sick leave, l-understanding kien ċar mal-Union illi Antoinette Bianchi ladarba għadna qed inħallsuha se nħallsuha għax se tieħu l-iskema tal-irtirar jew inkella se nitterminawlha l-impjieg aħna. Dan kien il-pożizzjoni tal-kumpannija" *seduta tat-18 ta' Settembru, 2020.*

*Infatti meta s-Sa Bianchi permezz tal-ittra tad-19 ta' April, 2018 talbet li tingħata x-xogħol tagħha lura r-risposta taċ-Chief Human Resource Officer kienet ċara biżżejjed:*

> "U Antoinette Bianchi aħna għidnielha "Le, inti applikajt, ilna għaddejjin dan iż-żmien kollu b'din is-sitwazzjoni kollha, issa trid tieħu l-Early Retirement Scheme" – *seduta tat-18 ta' Settembru, 2020.*

*It-Tribunal ifakkar li l-iskop ta' skema ta' rtirar huwa li jħaffef ir-ristrutturar tal-kumpannija u mhux biex jissolvew problemi personalizzati li tul is-snin ikunu baqgħu pendenti. Skemi bħal dawn mhumiex intenzjonali biex b'pinzellata waħda jissolvew problemi varji li jkunu akkumulaw tul iż-żmien.*

*Meta jkunu għaddejjin negozjati dwar xi impjegat partikolari, kull ftehim aħħari jrid ikun aċċettat u maqbul mill-impjegat innifsu – Ref Deċiżjoni Tribunal Industrijali - Doreen Saliba vs Foster Clark 2021. Huwa għalhekk assolutament inaċċettabbli li maniġment u Union jagħmlu ftehim minn wara dahar impjegat biex flimkien iġibu l-boċċa qrib il-likk u Antoinette Bianchi tieħu dik it-triq premeditata mis-soċjetà u anki mill-Union. Ħareġ ċar mix-xhieda taċ-Chief Human Resource Officer li l-pagamenti hekk imsejħa umanitarji kellhom skop ieħor dak strateġiku li jagħmluha faċli lis-Sa Bianchi twassal saż-żmien li joħorġu l-iskemi biex tieħu l-option tal-VERS.*

*Ix-xhieda taċ-Chief Human Resource Officer tkompli tagħmel dan il-fatt aktar ċar;*

> "Jiġifieri li kieku Antoinette Bianchi ma applikatx għall-iskema skont dak li bdejna nagħmlu u b'kif bdejna niftiehmu mal-Union, ir-rotta li konna nieħdu ma' Antoinette Bianchi kienet tkun differenti. Jiġifieri hemmhekk imbagħad konna nitilqu bl-istrateġija, ħa nuża l-kelma strateġija if it is the right word to use, illi nitterminalha l-impjieg." *Seduta tat-18 ta' Settembru, 2020*

*Il-maniġment u l-union għandhom l-obbligu li jpoġġu lill-impjegat fl-aħjar pożizzjoni possibbli biex jieħu deċiżjoni infurmata. Għalhekk kemm il-maniġment kif ukoll il-Union iridu jkunu dejjem trasparenti f'dak li jagħmlu, billi jagħtu informazzjoni sħiħa u fil-ħin biex l-impjegat jagħmel deċiżjoni infurmata.*

*Jidher mix-xhieda li l-impjegati l-oħra li kienu jikkwalifikaw għall-iskemi, ma kellhom bżonn tal-ebda inkoraġġiment personalizzat biex japplikaw għall-iskemi. Jidher ukoll li kienu infurmati dwar option oħra li kien possibbli għalihom dik li jmorru jaħdmu mal-Gvern jew li jibqgħu fir-rwol tagħhom proprja mal-Air Malta.*

*Fil-każ tas-Sa Bianchi, ingħatat inkoraġġiment personalizzat permezz ta' ftehim bejn il-maniġment u l-Union, l-opportunità ta' xogħol mal-Gvern qatt ma ġiet esplorata serjament mas-Sa Bianchi minkejja li kienet għamlet riferenza għaliha fil-komunikazzjoni li kien ikollha mal-uffiċjali tal-maniġment u wisq anqas tħalliet iżżomm ix-xogħol proprju tagħha mal-Air Malta jew jekk dan ma kienx possibbli, tingħata xogħol alternattiv. Is-Sa Bianchi ġiet trattata differenti mill-impjegati l-oħra u dan mhux aċċettabbli.*

*Għaldaqstant meta l-applikazzjoni għal VERS li daħlet għand is-soċjetà mingħand ir-rikorrenti liema applikazzjoni kienet kwalifikata u b'riżervi ċari li l-applikant qed jaċċetta l-kundizzjoni marbuta mal-istess skema, kien sinjal ċar biżżejjed għas-soċjetà konvenuta li din l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi aċċettata taħt dawk il-kundizzjonijiet.*

*Applikazzjoni li a priori tirrifjuta li taċċetta l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-istess applikazzjoni, hija bla effett. Għalhekk kellha tiġi rifjutata u mhux ipproċessata. Is-soċjetà konvenuta kienet infurmata fil-ħin tajjeb biex tagħmel dan għaliex mir-risposta tas-soċjetà ref Dok. AB3 joħroġ ċar li l-istess soċjetà ma kinitx għadha waslet għal deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tas-Sa Bianchi u għalhekk fil-ħin biex tirrifjutaha.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li s-Sa Antoinette Bianchi kienet terminata mix-xogħol inġustament u għalhekk mhux skont il-liġi.*

***<u>Kumpens</u>***

*Għalhekk is-Sa Antoinette Bianchi għandha tingħata l-impjieg lura mal-kumpannija Air Malta plc immedjatament u tingħata dak ix-xogħol li jirrispetta l-kompetenza, il-grad u d-dinjità tagħha.*

*L-ispejjeż tal-kawża taż-żewġ partijiet huma a karigu tas-soċjetà intimata jiġifieri l-Air Malta plc."*

**L-Appell**

24. Is-soċjetà intimata appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-23 ta' Marzu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni bin-numru ta' referenza 3710/JG, u minflok tilqa' t-talbiet tagħha billi tiddikjara li t-talbiet tar-rikorrenti ma jimmeritawx akkoljiment u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

25. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-pożizzjoni li hija ħadet kemm ilhom għaddejjin dawn il-proċeduri, hija li l-appellata fl-ebda waqt ma tkeċċiet mill-impjieg tagħha. Qalet li wara li ħarġet l-Iskema ta' Terminu ta' Impjieg Volontarju (VERS) fil-bidu tal-2018, l-appellata applikat sabiex tibbenefika minn tali skema, u konsegwentement l-appellanta aċċettat l-applikazzjoni tal-appellata flimkien ma' dik ta' disgħa u ħamsin applikant ieħor. Ġie spjegat li l-ftehim kien li għal din l-iskema ta' Terminu ta' Impjieg Volontarju kienu eliġibbli 60 impjegat. Spjegat li l-appellata ddeċidiet li tapplika għal din l-iskema, li permezz tagħha l-appellata kienet eliġibbli għal kumpens ta' €130,000. L-appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal irrikonoxxa li l-iskemi kienu miftiehma mal-*unions* tal-impjegati, madanakollu dan wasal għall-konklużjoni li dawn l-iskemi kienu jwasslu għal tmiem ta' impjieg f'qafas ta' ristrutturar. L-appellanta qalet li għadha ma tistax tifhem għal liema raġuni l-appellata applikat biex tibbenefika taħt din l-iskema, iżda fl-istess ħin qegħda titlob li tibqa' fl-impjieg.

26. L-appellanta qalet li fl-ewwel lok, it-Tribunal kellu jiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati minnha dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni u kompetenza tiegħu biex jisma' l-kwistjoni tax-xogħol odjerna. Qalet li t-Tribunal

fl-ebda stadju tad-deċiżjoni appellatama ma indirizza din l-eċċezzjoni preliminari.

27. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li kif jirriżulta mill-provi, l-appellata kienet taf li l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat b'konsegwenza tal-applikazzjoni tagħha, u din ġiet aċċettata fis-17 ta' April, 2018. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal kien prekluż milli jisma' l-każ għaliex kienu laħqu għaddew l-erba' xhur ikkontemplati fl-artikolu 75 tal-Kap. 452 li fihom kellha tiġi istitwita l-azzjoni odjerna, li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Diċembru, 2018. B'żieda ma' dan, is-soċjetà appellanta qalet li dan kien każ ta' riżenja volontarja, u li ma kien hemm l-ebda ħjiel ta' tkeċċija kif tallega l-appellata, u għalhekk ma jeżistux l-elementi rikjesti fil-liġi sabiex dan il-każ jitqies bħala wieħed li seta' jieħu konjizzjoni tiegħu t-Tribunal abbażi ta' allegata tkeċċija inġusta. Qalet li għalhekk dan l-aggravju bbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal u t-tardività tal-azzjoni, għandu jiġi milqugħ.

28. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa marbut mal-fatt li meta rinfaċċjata bil-kwistjoni tax-xogħol odjerna, il-pożizzjoni tas-soċjetà appellanta kienet dejjem waħda ċara u konsistenti, u qalet li t-Tribunal naqas milli jevalwa għadd ta' punti li huma fundamentali. Spjegat li prinċipalment, qabel ma t-Tribunal Industrijali kellu jiddeċiedi li dan kien każ ta' tkeċċija inġusta, dan kellu fl-ewwel lok jiddeċiedi jekk il-każ jikkonċernax tkeċċija jew le. Qalet li hija ssostni li ma kien hemm l-ebda tkeċċija fil-konfront tal-appellata, għaliex kienet hi li rriżenjat permezz tal-iskema tal-VERS. Qalet li ladarba ma kien hemm l-ebda tkeċċija, it-Tribunal ma seta' qatt jasal għall-konklużjoni li hija tkeċċiet

inġustament. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni tal-appellata taħt l-iskema, ma tammontax għal tkeċċija, iżda għal alternattiva għaliha, jew proċedura differenti, b'termini u implikazzjonijiet li ma jikkwalifikawx bħala tkeċċija. L-appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal donnu jiddubita mill-volontarjetà tal-appellata li tapplika taħt l-iskema tal-VERS, dan naqas milli jikkonsidra li l-appellata kienet anki talbet assistenza legali privata sabiex tingħata parir dwar jekk għandhiex tapplika taħt l-iskema jew le. Is-soċjetà appellanta qalet li fi kwalunkwe każ, l-appellata setgħet tagħżel li ma tapplikax għall-VERS kif għamlu diversi impjegati oħra tal-kumpannija, u l-appellata kienet fil-libertà li tagħmel dan jekk hija verament kellha xewqa li tirritorna għax-xogħol. Żiedet tgħid li filwaqt li hija bħala kumpannija temmen li għandha tagħti informazzjoni sħiħa u fil-ħin lill-impjegati tagħha, kif għamlet meta ħarġet din l-iskema, ma tistax taqbel mar-raġunament tat-Tribunal li implika li l-appellata applikat taħt din l-iskema fl-għama. Is-soċjetà appellanta qalet li altru milli l-appellata daħlet għal din l-iskema mhux infurmata, għaliex għandu jirriżulta li l-appellata rrikorriet għal parir legali qabel applikat għall-VERS, u għalhekk din kellha l-fakoltà li tiddiskuti l-implikazzjonijiet tal-iskema mal-avukat ta' fiduċja tagħha. L-appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal ikkonstata li l-appellata applikat għal VERS fit-28 ta' Marzu, 2018, iżda magħha daħħlet ukoll ittra b'erba' kundizzjonijiet, fl-istess waqt it-Tribunal naqas li jikkunsidra li din l-ittra kienet komunikazzjoni 'mingħajr preġudizzju', u li lanqas hija indirizzata direttament lill-Air Malta. L-appellanta qalet li ladarba din l-ittra ntbagħtet mingħajr preġudizzju, din ma kellhiex toħloq preġudizzju li llum qiegħed jintuża kontra l-istess kumpannija. Qalet li f'każ li l-appellata riedet

iddaħħal applikazzjoni għall-VERS mingħajr preġudizzju, din kellha tagħmel dan formalment u mal-applikazzjoni nnifisiha. L-appellanta qalet li t-Tribunal għamel żball fl-apprezzament tiegħu għaliex naqas milli jagħmel distinzjoni bejn dak li huwa bi preġudizzju u mingħajru. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li kien inutli li madwar xahar wara li applikat għall-VERS, l-appellata ippreżentat ittra uffiċjali fejn talbet li tirritorna għax-xogħol. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li dan kollu ġie spjegat minnha lill-appellata fl-ittra li ntbagħtet lilha, fejn infurmatha li f'każ li l-applikazzjoni tagħha tiġi aċċettata, din tkun inkompatibbli mat-talba tagħha għall-kontinwazzjoni fl-impjieg. L-appellanta qalet li minkejja li l-avukat difensur tal-appellata kien qiegħed jikkomunika 'mingħajr preġudizzju', anki jekk jingħad li din l-applikazzjoni għall-VERS kienet 'kondizzjonata', it-Tribunal naqas milli jifhem li din il-kundizzjoni li ma tirrinunzjax għal kwalsiasi pendenza li għandha mal-kumpannija, ma kinitx taffettwa l-intiża tal-appellata li tirtira mix-xogħol, iżda permezz tagħha riedet tikkawtela xi pendenzi dwar ħlasijiet dovuti lilha qabel tirtira. L-appellanta qalet li l-appellata imkien ma kienet qegħda tirriserva d-dritt tagħha li tirtira l-applikazzjoni għall-VERS jew li kellha xi fakoltà tibdel fehemtha, kif jimplika t-Tribunal. Is-soċjetà appellanta qalet li hija kellha diskrezzjoni jekk taċċettax l-applikazzjoni tal-appellata jew le, u hija fil-fatt kienet għażlet li taċċetta din l-applikazzjoni. Kompliet tgħid li l-appellanta mhux biss kellha s-sostenn ta' avukat tal-fiduċja tagħha, iżda kienet ukoll rappreżentata mill-*union.* L-appellanta qalet li l-osservazzjoni tat-Tribunal li donnha l-*union* kienet titkellem f'isem il-membru tagħha mingħajr ma tiddiskuti l-passi sussegwenti mal-appellata, hija inkonċepibbli għaliex f'dan il-każ kienu tnejn l-uffiċjali tal-*union* li qalu li ddefendew lill-appellata. L-appellanta qalet li

minn dan hija tikkonkludi li fi kwalunkwe każ, kull arranġament allegatament milħuq bejn il-*union* u l-Air Malta kien fl-aħjar interess tal-appellata.

29. Żiedet tgħid li t-Tribunal ikkonsidra li l-appellata kienet imħeġġa tapplika għall-VERS, iżda t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li din l-iskema kienet innegozjata mill-*unions* li riedu jiksbu l-aqwa inċentiv għall-membri tagħhom. L-appellanta qalet li ma kien hemm xejn straordinarju jew sanzjonabbli fil-fatt li l-ħaddiema kienu mħeġġa japplikaw għal dawn l-iskemi. L-appellanta qalet li t-Tribunal lanqas ma kkonsidra li l-appellata kienet ilha tliet snin ma ttir qabel applikat għall-VERS minħabba raġunijiet mediċi, u għalhekk kien fl-interess tagħha li tirtira. Qalet ukoll li l-appellata kienet ilha fuq *long sick leave* minn April tal-2015, u dan is-*sick leave* ma kienx qiegħed jiġi ġustifikat għaliex l-appellata naqset li tippreżenta ċ-ċertifikati mediċi kif kienet obbligata li tagħmel skont il-liġi, u minflok ma l-kumpannija bdiet proċeduri ta' dixxiplina kontra l-appellata, hija ppermettitilha tapplika għall-iskema ta' irtirar. L-appellanta qalet li donnu t-Tribunal ftit li xejn fehem b'liema kordjalità hija mxiet mal-appellata, li kienet effettivament abbandunat l-impjieg tagħha diversi xhur qabel, mingħajr ma tat raġuni lil min kien jimpjegaha. L-appellanta qalet li kieku l-appellata verament riedet taħdem, hija kienet tikkoopera u mhux tevita kull komunikazzjoni sabiex tipprovdi ġustifikazzjoni medika. Qalet ukoll li hija kienet għamlet bord mediku sabiex jara l-kundizzjoni tal-appellanta, liema bord kien iddikjara li l-appellata mhijiex f'kundizzjoni tajba sbiex taħdem bħala *cabin crew.* Qalet ukoll li n-nuqqas ta' interess muri mill-appellata sabiex terġa' tibda taħdem jew biex taċċetta impjieg alternattiv ħareġ mill-provi, iżda t-Tribunal għażel li jinjora tali provi. Semmiet li per eżempju l-appellata la riedet tiżbogħ xagħarha u lanqas

ma riedet tilbes parrokka sabiex tkun komda bl-uniformi, u dan naqqas ferm il-possibbilitajiet ta' xogħol li setgħu jiġu offruti lill-appellata, f'settur ta' xogħol li jirrikjedi l-ilbies tal-uniformi. Qalet ukoll li mill-provi rriżulta li lill-appellata sarulha diversi offerti ta' xogħol alternattiv, li ġew rifjutati minnha. Qalet li meta tħares lura, tifhem li kien hemm nuqqas għaliex dawn l-offerti ta' xogħol alternattiv ma sarux bil-miktub, iżda jibqa' l-fatt li kienet l-appellata li rrifjutat ix-xogħol alternattiv li ġie offrut lilha. Kompliet tgħid li għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm tkeċċija inġusta, għaliex dan huwa l-istess mod kif il-kumpannija imxiet ma' 59 ħaddiem ieħor, u ħadd minnhom ma allega li tkeċċa mix-xogħol inġustament.

30. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal kien skjett ħafna fil-motivazzjoni tiegħu, meta ddikjara li hija tkeċċiet mix-xogħol inġustament. Qalet li t-Tribunal m'għamel l-ebda analiżi u apprezzament tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta, u t-Tribunal naqas ukoll milli jimmotiva r-raġuni għalfejn huwa emmen il-verżjoni tal-appellanta, meta mill-provi jirriżulta li din irrifjutat diversi offerti ta' xogħol li sarulha. L-appellanta qalet li l-kwistjoni odjerna mhijiex ibbażata fuq diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol *ai termini* tal-Kap. 452, għaliex hija mhux talli ma ddiskriminatx kontra l-appellata, talli tatha diversi opportunitajiet sabiex tirriabilita ruħha fil-post tax-xogħol.

31. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra wkoll jekk l-applikazzjoni tal-appellata għall-VERS hijiex nulla jew jekk din l-applikazzjoni għadhiex fis-seħħ. Qalet li kemm-il darba l-appellata tirritorna fuq il-post tax-xogħol, l-appellanta għad għandha applikazzjoni attiva tagħha sabiex din tirtira

mill-impjieg. Qalet li t-Tribunal ma tax direzzjoni dwar jekk l-appellanta għandhiex tiskarta din l-applikazzjoni għall-VERS sabiex il-pożizzjoni tal-appellata ma tibqax fi stat ta' kontradittorjetà li trid tirtira, filwaqt li tgħid li trid tirritorna għax-xogħol. Qalet ukoll li ċ-ċirkostanzi attwali lanqas ma jippermettu li persuna li ilha nieqsa mix-xogħol snin twal, terġa' lura f'xi grad li tkun tista' taħdmu. Qalet li hemm kumplikazzjonijiet ta' natura legali u kuntrattwali, u għalhekk mhux faċli li ssir offerta ta' impjieg alternattiv lill-appellata f'kumpannija li għadha toħroġ skemi għat-trasferiment tal-impjegati tagħha lejn azjendi tal-Gvern għal raġunijiet ta' ristrutturar. L-appellanta qalet li d-direzzjoni mogħtija mit-Tribunal biex hija toffri x-xogħol li jirrispetta l-kompetenza, il-grad u d-dinjità tal-appellata, mhijiex proponibbli, anki għaliex fil-grad ta' membru tal-ekwipaġġ il-kumpannija kellha tittermina l-impjieg ta' għexieren ta' ħaddiema li m'hemmx biżżejjed xogħol għalihom. Qalet li għalhekk il-kumpens ordnat mit-Tribunal ma jistax jiġi eżegwit, kif kien ikun il-każ li kieku l-azjenda m'għadhiex teżisti jew biddlet in-natura tax-xogħol tagħha. Qalet ukoll li fil-każ odjern, hija m'għadhiex tista' toffri l-istess opportunitajiet li setgħet toffri fl-aħħar snin, u anki l-istruttura interna tagħha inbidlet, kif inbidlu wkoll il-ħtiġijiet tas-servizz.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

32. L-appellata wieġbet li l-appell tas-soċjetà Air Malta plc huwa bla bażi fattwali u ġuridiku, u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha. Qalet li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa frivolu għall-aħħar, u fil-fatt id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kinitx April tal-2018 iżda l-15 ta'

Ottubru, 2018, meta is-soċjetà appellanta infurmat lill-Aġenzija Jobs Plus. Qalet li għalhekk ċertament li t-talba tagħha quddiem it-Tribunal ma saritx *fuori termine.* Qalet ukoll u l-kompetenza tat-Tribunal toħroġ mil-liġi stess, u l-Kap. 452 jagħti lit-Tribunal Industrijali kompetenza esklussiva f'każ ta' tkeċċija inġusta. Qalet li fil-fatt dak li qal it-Tribunal huwa kuntrarju għal dak allegat mis-soċjetà appellanta, għaliex hija qatt ma rriżenjat mill-impjieg tagħha mal-kumpannija, u kienet is-soċjetà appellanta li tterminatilha l-impjieg. Huwa għalhekk, saħqet l-appellata, li t-terminazzjoni tagħha mill-impjieg għandha tiġi meqjusa bħala inġusta.

33. B'riferiment għat-tieni aggravju, is-soċjetà appellanta qalet li l-Qrati tagħna dejjem kienu konsistenti li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' ssir biss fuq punt ta' liġi u mhux fuq apprezzament ta' fatti. Qalet li fl-*email* li l-konsulent legali tagħha bagħat lill-konsulent legali tal-Air Malta, dan kien spjega b'mod ċar li l-appellata ma kinitx qegħda tirriżenja mill-impjieg tagħha. Qalet li kienu x-xhieda tal-istess Air Malta li kkonfermaw li f'każ li l-applikanta ma tkunx aċċettat il-kundizzjonijiet kollha elenkati fl-iskema tal-VERS, dan il-fatt irendi t-talba tagħha waħda invalida. Qalet ukoll li fil-fatt hi, fl-ittra tal-konsulent legali tagħha, għamlitha ċara li ma kinitx qegħda taċċetta l-kundizzjonijiet taħt l-iskema tal-VERS.

34. B'riferiment għat-tielet aggravju, l-appellata qalet li dan huwa l-iżjed wieħed frivolu fost l-aggravji kollha mressqa mis-soċjetà appellanta, għaliex li wieħed jgħid li d-deċiżjoni hija karenti minn motivazzjoni huwa insult lejn id-

deċiżjoni tat-Tribunal, li fiha paġni dettaljati ta' motivazzjoni li wassluh biex jilqa' l-każ imressaq mill-appellata, u jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta.

35. L-appellata qalet li lanqas l-aggravju li l-kumpens offrut lilha mhuwiex proponibbli, m'għandu mis-sewwa, u dan għaliex is-soċjetà appellanta donnha nsiet il-prinċipju li f'każ ta' *redundancy,* japplika l-kunċett ta' *last in, first out.* Qalet li jekk is-soċjetà appellanta, kif tgħid, kellha tnaqqas in-numru ta' membri tal-ekwipaġġ, wieħed ma jistax jinsa li hija ilha impjegata mas-soċjetà appellanta sa mis-snin tmenin, u għalhekk hija ma jistax ikollha l-impjieg tagħha tterminat abbażi ta' *redundancy,* meta hemm impjegati oħra li daħlu jaħdmu warajha. Qalet li kuntrarjament għal dak li tgħid is-soċjetà appellanta, it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu naqas milli jagħtiha dak kollu spettanti lilha skont il-liġi, u dak mitlub minnha fl-azzjoni proposta minnha, u huwa għalhekk li hija sejra tressaq appell inċidentali dwar dan.

**<u>L-Appell Inċidentali tal-Appellata</u>**

36. Permezz tal-appell inċidentali mressaq minnha, l-appellata spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal laqa' l-ewwel talba tagħha, u parzjalment laqa' wkoll it-tieni talba, iżda fl-istess ħin naqas milli jordna lis-soċjetà appellanta tħallasha s-salarji u *bonuses* dovuti lilha skont il-liġi. L-appellanta inċidentali qalet li l-ħlas tas-salarji u *bonuses* lilha huma konsegwenza naturali tal-ewwel talba tagħha, u huwa għalhekk li wara li t-Tribunal sab li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg kienet waħda inġusta, kellu neċessarjament jordna lis-soċjetà appellanta tħallasha s-salarji u *bonuses* dovuti

lilha tul l-impjieg tagħha sa dakinhar li ngħatat id-deċiżjoni mit-Tribunal. In vista ta' dan, l-appellata qalet li din il-Qorti għandha tirriforma d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tad-deċiżjoni fejn laqgħet l-ewwel talba tal-appellata, u ordnat ir-*reinstatement* tagħha fl-impjieg, tibdilha fis-sens li tilqa' t-tieni parti tat-tieni talba tagħha, u b'hekk tordna lis-soċjetà appellanta tħallasha s-salarji u *bonuses* mhux imħallsa lill-appellata sad-data tas-sentenza tat-Tribunal.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

37. Il-Qorti kkonsidrat fit-tul l-atti tal-proċeduri li wasslu għall-vertenza odjerna. Is-soċjetà appellanta tiċħad l-allegazzjoni tal-appellata li seħħet it-tkeċċija tagħha mill-impjieg tagħha mas-soċjetà appellanta, u ssostni li din hija sitwazzjoni fejn l-appellata minn jeddha applikat sabiex tibbenefika minn skema ta' terminazzjoni mill-impjieg b'mod volontarju, u l-applikazzjoni tagħha ġiet aċċettata. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-applikazzjoni tal-appellata ġiet aċċettata flimkien mal-applikazzjonijiet ta' disgħa u ħamsin impjegat ieħor li kienu jaħdmu mas-soċjetà appellanta, li kollha ħadu l-kumpens marbut mat-terminazzjoni volontarja mill-impjieg, u ħadd minnhom ma akkuża lill-kumpannija li kienet itterminatlu l-impjieg tiegħu b'mod inġust. L-appellata min-naħa l-oħra tinsisti li hija kienet ilha tiġi ddiskriminata matul il-perijodu tal-impjieg tagħha mas-soċjetà appellanta, u hija ma ngħatatx l-istess opportunitajiet li ngħataw ħaddiema oħra ta' xogħol alternattiv mal-kumpannija jew ma' xi entità governattiva. It-Tribunal iddeċieda li l-appellata ġiet imkeċċija mill-impjieg b'mod inġust, u li bħala rimedju hija għandha tiġi

*reinstated* fl-impjieg tas-soċjetà appellanta fi grad li jirrispetta l-abbiltajiet u d-dinjità tagħha.

*L-ewwel aggravju: it-tardività tal-azzjoni u l-kompetenza tat-Tribunal*

38. Is-soċjetà appellanta tissottometti li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra u milli jagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati minnha. Tikkontendi li l-appellata ntavolat l-azzjoni tagħha quddiem it-Tribunal b'mod tardiv għaliex kienu għaddew aktar minn erba' xhur mid-data tat-tmiem tal-impjieg tagħha u d-data meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni. Qalet ukoll li t-Tribunal ma kellux il-kompetenza neċessarja biex jisma' l-proċeduri odjerni.

39. Il-Qorti tqis li għad li mill-provi jirriżulta li fit-18 ta' April, 2018 uffiċjal tal-kumpannija kkomunika mal-appellata permezz ta' telefonata, u nfurmaha li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat, mir-*records* tal-Jobsplus jirriżulta li s-soċjetà appellanta infurmat lil Jobsplus li l-appellata kienet irriżenjat mill-impjieg fil-15 ta' Ottubru, 2018. Il-proċeduri tal-appellata quddiem it-Tribunal inbdew fis-27 ta' Diċembru, 2018, u għalhekk entro l-erba' xhur *ai termini* tal-Kap. 452. L-unika prova li nġabet bil-miktub fir-rigward tad-data meta ġie tterminat l-impjieg tagħha hija l-15 ta' Ottubru, 2018, u mill-provi ma jirriżultax min kien li l-uffiċjal tal-Air Malta plc, u min kien li tah struzzjonijiet, li nforma lill-appellata li l-impjieg tagħha ġie tterminat. Il-Qorti tifhem li kwistjoni daqstant serja u ta' importanza bħal ma hija notifika tat-terminazzjoni ta' persuna mill-impjieg, kellha ssir wara li jingħataw struzzjonijiet bil-miktub lill-persuna li ntalbet tikkuntattja lill-appellata u tinfurmaha b'dan, iżda mill-atti ma jirriżultax

li sar hekk. Il-Qorti sejra tiċħad l-aggravju tas-soċjetà appellanta fir-rigward tat-tardività tal-azzjoni, għaliex ma jirriżultax li l-impjieg tal-appellata ġie tterminat f'xi data qabel il-15 ta' Ottubru, 2018.

40. Kwantu għall-eċċezzjoni dwar il-kompetenza tat-Tribunal, il-Qorti tirrileva li t-Tribunal Industrijali huwa l-forum kompetenti sabiex jisma' kwistjonijiet tax-xogħol dwar tkeċċija mill-impjieg. Għalkemm is-soċjetà appellanta tikkontendi li f'dan il-każ ma kienx hemm tkeċċija mill-impjieg, u li kienet l-appellata li rriżenjat minn jeddha, it-Tribunal iddeċieda li fiċ-ċirkostanzi kif jirriżulta mill-provi, kienet seħħet tkeċċija inġusta, għaliex l-appellata fl-ebda waqt ma riedet tirriżenja mill-impjieg tagħha. Dan ġie ppruvat b'diversi modi, inkluż mill-korrispondenza esebita mill-appellata, li turi l-andament ta' taħdidiet li saru bejn il-partijiet, u messaġġi li kienet tibgħat lill-kollegi tagħha u lill-uffiċjali tal-kumpannija sabiex tara jekk kinitx ser tingħata xogħol alternattiv jew jekk setgħetx tidħol lura għax-xogħol. Jirriżulta wkoll li flimkien mal-applikazzjoni tagħha għall-iskema ta' terminazzjoni volontarja mill-impjieg, l-appellata kienet ippreżentat ittra fejn infurmat lis-soċjetà appellanta li minkejja li kienet qegħda tissottometti l-applikazzjoni tagħha sabiex tirtira mill-impjieg b'mod volontarju, l-interess tagħha kien li tirritorna għax-xogħol tagħha, u li hija ma kinitx disposta li ċċedi l-pendenzi li hija għad għandha mal-kumpannija, li kienet waħda mill-kundizzjonijiet tal-iskema. Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Karen Valletta, uffiċjal tal-*union,* li għamlet rappreżentazzjonijiet f'isem l-appellata mal-kumpannija, minn fejn jirriżulta li l-kumpannija qatt m'għamlet proposta ta' xi impjieg alternattiv li seta' jiġi offrut lill-appellata, u meta saret proposta biex l-appellata titħalla taħdem fil-*cargo section,* it-tweġiba li ngħatat kienet li fil-

*cargo section* tħalla biss *skeleton staff* għaliex s-servizzi pprovduti minn din it-taqsima kienu ser jiġu *outsourced*. L-attitudni ta' diversi uffiċjali u impjegati tal-kumpannija fil-konfront tal-appellata tirriżulta wkoll minn dak li xehed Adrian Casha, li qal li huwa kien iħoss pressjoni biex l-appellata titkeċċa mill-impjieg, li kien jintqal diskors dispreġjattiv fil-konfront tal-appellata, u li kien jintwera ċertu preġudizzju fil-konfront tagħha. Maż-żmien, is-soċjetà appellanta ħasset il-ħtieġa li tirristruttura, u kien għalhekk li ħarġet diversi skemi bħala inċentiv għall-ħaddiema li xtaqu jew jirtiraw kmieni jew biex jirtiraw b'mod volontarju. L-appellata mill-ewwel ħadet il-pożizzjoni li minkejja li kienet qegħda tissottometti l-applikazzjoni tagħha sabiex tiġi kkonsidrata taħt l-iskema ta' irtirar volontarju, l-intenzjoni tagħha ma kinitx li tirtira mill-impjieg, iżda li titħalla tirritorna lura għax-xogħol. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' diversi messaġġi li ntbagħtu mill-appellata lil diversi persuni fiż-żmien meta din kienet qegħda tipprova tirritorna fl-impjieg, u mit-ton tal-messaġġi jidher ċar li l-uniku interess tal-appellata kien li tidħol lura għax-xogħol. Iżda għal xi raġuni, hija twaqqfet milli tagħmel dan. Il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar il-veraċità tal-istqarrija tas-soċjetà appellanta li kienet l-appellata li rrifjutat li tagħmel ix-xogħol alternattiv li ġie offrut lilha, u dan għaliex jekk verament saret offerta ta' din ix-xorta, din kienet tirriżulta mid-dokumentazzjoni li ġiet esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri. It-Tribunal qies li dan huwa nuqqas gravi da parti tas-soċjetà appellanta u l-fatt li ċerti deċiżjonijiet ma tteħdux bil-miktub iwassal għal nuqqas ta' kontabbilità u ta' traċċabilità. Il-Qorti tikkondividi dawn il-konsiderazzjonijiet. Hawn si tratta tal-impjieg ta' *in flight manager* mas-soċjetà appellanta, ambjent tax-xogħol li jesiġi li kollox ikun miktub, iddokumentat u

rreġistrat anki għas-sigurtà ta' min jaħdem mal-kumpannija, kif ukoll għas-sigurtà tal-passiġġieri li jagħmlu użu mis-servizzi pprovduti mis-soċjetà appellanta. M'għandux ikun li ċerti deċiżjonijiet ma jsirux bil-miktub, bħad-data meta l-appellata ġiet infurmata li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat, u minn kienet il-persuna li kkomunikat din id-deċiżjoni għan-nom tas-soċjetà appellanta, u kif, meta u minn min saret l-offerta ta' impjieg alternattiv, jekk verament saret. Hawn il-Qorti, u t-Tribunal qabilha, tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet, fejn min-naħa l-waħda diversi esponenti tas-soċjetà appellanta jikkontendu li kien hemm tal-inqas tliet offerti ta' impjieg alternattiv li saru lill-appellata, filwaqt li l-appellata u r-rappreżentanti tal-*union* jinsistu li mhux minnu li saru dawn l-offerti ta' xogħol alternattiv. Fi kwalunkwe każ l-appellata dejjem insistiet li hija fil-verità ma kinitx interessata fl-iskema ta' irtirar offruta, imma li żżomm l-impjieg tagħha, u li tkun tista' tirritorna lura fl-impjieg mill-aktar fis possibbli, liema talba baqgħet ma ġietx milqugħa mis-soċjetà appellanta. Dan l-aġir min-naħa tas-soċjetà appellanta jammonta għal tkeċċija mill-impjieg, għaliex l-appellata baqgħet ma ngħatatx data meta hija setgħet tirritorna lura għax-xogħol wara li l-kundizzjoni fiżika tagħha tjiebet. Huwa għalhekk li l-Qorti qegħda tiddeċiedi li t-Tribunal Industrijali, li huwa tribunal speċjalizzat imwaqqaf bil-liġi biex jisma' kwistjonijiet dwar tkeċċija mill-impjieg, għandu l-kompetenza biex jisma' l-proċeduri odjerni.

*It-tieni aggravju: dwar il-kwistjoni tat-tkeċċija*

41. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li qabel jiddeċiedi jekk fil-każ odjern kienx hemm tkeċċija inġusta mill-impjieg, it-Tribunal kellu fl-ewwel lok

jiddeċiedi jekk kienx hemm tkeċċija, għaliex fil-fehma tagħha fil-każ odjern ma seħħet l-ebda tkeċċija iżda riżenja volontarja. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellata kienet assistita minn avukat tal-fiduċja tagħha u minn rappreżentanti tal-*union,* u jekk l-appellata ma xtaqitx tispiċċa mill-impjieg, hija kellha l-għażla li ma tapplikax għall-iskemi, bħal ma għamlu għadd ta' ħaddiema oħra. Is-soċjetà appellanta tinsisti li l-unika diskrezzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-irtirar volontarju mill-impjeg, effettivament kienet tagħha u mhux tal-ħaddiema involuti, 'il għaliex wara li ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha, l-appellata ma setgħetx tibdel fehemtha. Qalet ukoll li kien fl-interess tal-appellata li tirtira mill-impjieg għaliex hija kienet ilha ma tirrapporta għax-xogħol, kif ukoll għaliex hija rrifjutat kull offerta għal xogħol alternattiv li saritilha, u ma wriet ebda interess li terġa' tibda tirrapporta għax-xogħol.

42. Il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk iċ-ċirkostanzi li wasslu lill-appellata tissottometti applikazzjoni għall-irtirar b'mod volontarju mill-impjieg mas-soċjetà appellanta, għandhomx iwasslu għall-konklużjoni li hija tkeċċiet mill-impjieg, iżda in vista tal-fatt li saru numru ta' stqarrijiet fir-rigward ta' dan l-aggravju, il-Qorti tqis li jkun opportun li tindirizza mill-ġdid diversi punti li ġew sollevati.

43. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tqis li ċertament ma jistax jingħad li kien tort jew responsabbilità tal-appellata li hija kienet ilha ma tirrapporta għax-xogħol għal dawn is-snin kollha. Mill-atti jirriżulta li l-appellata kellha toħroġ bis-*sick leave* minħabba kundizzjoni fil-ġilda ta' rasha, li wasslet lill-appellata biex titlef xagħarha, imma jirriżulta wkoll li wara li hija ħadet il-kura meħtieġa, xagħarha

ġiet lura għan-normal. Minkejja l-korrispondenza li saret min-naħa tal-appellata ma' diversi uffiċjali tal-kumpannija sabiex tindaga meta setgħet tirritorna lura għax-xogħol, jirriżulta li bil-miktub is-soċjetà appellanta ma għamlet l-ebda proposta konkreta dwar impjieg alternattiv, u saħansitra kien hemm xhud li stqarr li diversi persuni kienu jevitaw li jingaġġaw f'diskursata mal-appellata. Dan kollu fl-isfond ta' sitwazzjoni fejn saħansitra sar rapport li jkun aħjar għall-appellata li tiġi evalwata minn psikologu sabiex din tiġi ċċertifikata li tista' ttir. Il-provi kollha juru li dak li xehed Adrian Casha, li l-attitudni negattiva ta' diversi impjegati u uffiċjali tal-kumpannija fil-konfront tal-appellata kienet ilha għaddejja snin, fil-fatt huwa minnu. Is-soċjetà appellanta naqset milli turi wkoll għalfejn kien fl-aħjar interess tal-appellata li din tirtira mill-impjieg, meta hija kienet ilha bosta snin turi li tixtieq titħalla tirritorna lura għax-xogħol. Il-Qorti hija tal-fehma li l-irtirar tal-appellata mill-impjieg kien ikun fl-aħjar interess tal-kumpannija, għaliex jekk hija titlaq mill-impjieg tiġi evitata l-ħtieġa li tingħata taħriġ mill-ġdid, jew li jkun hemm għalfejn isir eżerċizzju sabiex jiġi stabbilit l-appellata f'liema taqsima tal-kumpannija tkun tista' taħdem. Tqis ukoll però li s-soċjetà appellanta ma kinitx ġustifikata li tgħid li t-tluq tal-appellata mill-impjieg kien fl-aħjar interess tal-appellata stess. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-offerti ta' impjieg alternattiv li s-soċjetà appellanta tgħid li għamlet lill-appellata, ma sarux b'mod konkret, u għalhekk ma jistax jingħad li lill-appellata saritilha xi offerta plawsibbli biex jista' jiġi stabbilit li din ma tkeċċietx mill-impjieg, għaliex fil-fatt jirriżulta li kien hemm sforz kollettiv fi ħdan is-soċjetà appellanta biex b'xi mod l-appellata tkun kostretta tirriżenja mill-impjieg, jew inkella titkeċċa. Il-Qorti tirrileva li diversi uffiċjali u esponenti tas-soċjetà appellanta, minflok qiesu

x'inhu l-aħjar interess tal-kumpannija u tal-impjegati tagħha, spiċċaw ħolqu ambjent fejn uħud mill-impjegati sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom kellhom jirrikorru għas-servizzi professjonali ta' avukat jew għall-assistenza ta' rappreżentanti tal-*union*. Il-Qorti tirrileva li kien hemm xhieda li saħansitra kkonfermaw li min kien imexxi t-taqsima tal-*cargo* fiż-żmien meta bdiet tiġi diskussa l-possibilità li l-appellata tmur taħdem f'din it-taqsima, wera li ma kellux pjaċir bl-appellata f'din it-taqsima. Mill-provi prodotti, din il-Qorti tikkonkludi li fil-każ odjern seħħet tkeċċija, għaliex l-appellata bl-ebda mod ma riedet li titlaq mill-impjieg tagħha, u barra minn hekk din it-tkeċċija kienet waħda inġusta, għaliex imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux xierqa, u fuq dak li ddettaw diversi uffiċjali fil-kumpannija. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li t-tieni aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju: it-Tribunal kien 'skjett' fil-motivazzjoni li ta*

44. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal kien 'skjett' ossija xott fil-motivazzjoni tiegħu, u naqas milli jikkonsidra s-sottomissjonijiet miġjuba minnha. Bħala eżempju qalet li t-Tribunal naqas milli jiddeċiedi jekk l-applikazzjoni tal-VERS tal-appellata li għadha attiva, hijiex nulla jew le, u jekk l-appellata tirritorna lura għax-xogħol, x'għandu jsir minn din l-applikazzjoni li turi l-intenzjoni tal-appellata li titlaq mill-impjieg.

46. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija immotivata sew u msejsa fuq dak li jirriżulta mill-provi u mix-xhieda prodotti. Minkejja li t-Tribunal ma ppronunzjax ruħhu fuq jekk l-applikazzjoni tal-VERS ippreżentata mill-appellata

għadhiex attiva jew le, huwa evidenti li lanqas l-appellata m'għadha tqis li l-applikazzjoni tagħha għadha attiva, u dan għaliex kif xehdet hija stess, l-unika raġuni għalfejn hija ressqet din l-applikazzjoni kienet sabiex tikkawtela l-pożizzjoni tagħha. L-appellata qalet ukoll li hija ma kinitx qegħda taċċetta l-klawsola fl-iskema li tgħid li l-applikant irid iċedi l-pretensjonijiet kollha li jista' għandu fil-konfront tal-kumpannija, kif wara kollox tixhed it-tkomplija ta' dawn il-proċeduri u l-proċeduri l-oħra li għadhom pendenti. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellata mhijiex qegħda takkampa mal-applikazzjoni tagħha sabiex tikkwalifika għall-iskema ta' irtirar volontarju, u l-uniku interess tagħha fil-proċeduri odjerni huwa li titħalla tidħol lura fl-impjieg u mhux biex tingħata l-kumpens taħt l-iskema tal-irtirar volontarju. Għaldaqstant anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *il-kumpens ordnat*

47. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-kumpens ordnat mit-Tribunal ma jistax jingħata, għaliex il-kumpannija għadha għaddejja b'diversi eżerċizzji ta' ristrutturar, fl-aħħar xhur għadd ta' ħaddiema tilfu l-impjieg tagħhom, u għalhekk mhux possibbli li l-appellata tingħata l-impjieg tagħha lura mas-soċjetà appellanta. L-appellanta spjegat li hemm ukoll kwistjonijiet kuntrattwali u legali marbuta mar-ritorn fl-impjieg tal-appellata.

48. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal ma ddeċidiex li l-appellata għandha tirritorna lura fl-impjieg mal-appellanta bħala *in flight manager,* iżda ddeċieda li din għandha tiddaħħal lura fl-impjieg mas-soċjetà appellanta fi grad li jirrispetta l-

kompetenza u d-dinjità tagħha. Il-Qorti tifhem li sakemm is-soċjetà appellanta għadha topera u għad għandha għadd ta' rotot li ttir lejhom, hemm diversi pożizzjonijiet fil-kumpannija li l-appellata hija kompetenti biex taħdem fihom. Il-Qorti tqis illi jekk huwa minnu dak li qed tallega s-soċjetà appellanta, li din hija sitwazzjoni ta' *redundancy,* għandu japplika l-prinċipju *last in, first out,* kif sewwa sostniet l-appellata, u mhux issir kampanja ta' antagoniżmu fil-konfront tal-appellata għaliex kien hemm xi ħadd li ddeċieda li jkun fl-interess ta' din l-impjegata li tirtira mill-impjieg. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

49. Is-soċjetà appellanta, permezz tal-appell inċidentali tagħha, tgħid li t-Tribunal laqa' t-tieni talba tagħha parzjalment, u dan għaliex minkejja li ordna r-*reinstatement* tagħha fl-impjieg, dan naqas milli jiddeċiedi wkoll dwar is-salarji u l-*bonuses* li għandhom jitħallsu lilha.

50. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta li għal numru ta' xhur waqt li ma kinitx qegħda tirrapporta għax-xogħol, l-appellata tħallset salarju bażiku li ma jinkludix perkaċċi u *allowances* li kienu jkunu dovuti lilha li kieku tħalliet tirritorna lura għax-xogħol. Jirriżulta wkoll li waqt il-pandemija tal-COVID-19 l-appellata rċeviet il-ħlas supplimentari li tħallas lil persuni li sofrew telf ta' dħul minħabba l-effetti tal-pandemija, u kien hemm numru ta' ġranet ta' *sick leave* li għalihom l-appellata rċeviet salarju sħiħ jew nofs is-salarju, skont kemm kien l-intitolament tagħha dak iż-żmien. Il-Qorti tqis ukoll li *ai termini* tal-artikolu 80

tal-Kap. 452, it-Tribunal għandu, fl-għoti ta' kull deċiżjoni tiegħu, iqis il-politika soċjali u ekonomika u l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali li jkunu jipprevalu fiż-żmien tal-pronunzjament tiegħu. Fil-każ odjern, it-Tribunal qies li filwaqt li l-appellata għandha tiġi *reinstated* fl-impjieg mas-soċjetà appellanta, din m'għandhiex tingħata ħlas ulterjuri għas-salarji u l-benefiċċji li tilfet tul is-snin. Il-Qorti tqis però li fi kwalunkwe każ l-appellata ma ressqet l-ebda prova dwar kemm kien it-telf reali soffert minnha f'termini ta' telf ta' qliegħ, u minkejja li ngħataw ċifri approssimattivi, billi ssemmiet is-somma ta' erbgħin elf Euro mill-appellata waqt id-depożizzjoni tagħha, l-appellata ma ressqet l-ebda prova konkreta dwar kemm kien is-salarju u l-*bonuses* li hija tilfet tul dawn is-snin. Il-Qorti tqis wkoll li l-appellata għandha proċeduri separati għaddejjin f'kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn qegħda titlob il-ħlas tad-danni sofferti minnha mingħand is-soċjetà appellanta. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-appell inċidentali tar-rikorrenti mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, tiċħad ukoll l-appell inċidentali tar-rikorrenti, u għaldaqstant qegħda tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**